

Gwida għall-Utent



**Is-sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq
Intern (IMI) u d-Direttiva dwar is-Servizzi**

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2009

ISBN 978-92-79-10462-6

doi:10.2780/39876

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

Gwida għall-Utent

**Is-sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq
Intern (IMI) u d-Direttiva dwar is-Servizzi**

Ċaħda ta' responsabbiltà

Din il-gwida għall-utent ma torbotx lill-Kummissjoni Ewropea bħala istituzzjoni. Din għandha l-għan li tkun ta' gwida prattika għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kollha dwar l-użu tas-sistema tal-IMI għall-finijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi. Din il-gwida għall-utent mhix kompluta fid-deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi u ma tidħolx f'dettalji tekniċi dwar is-sistema tal-IMI.

Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar id-Direttiva dwar is-Servizzi jew dwar is-sistema tal-IMI, ara l-materjal addizzjonali msemmi f'din il-gwida; b'mod partikolari għandhom jiġu kkonsultati l-'Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi' ⁽¹⁾ u t-test ġenerali 'Gwida għall-Utent tal-IMI' ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Disponibbli fil-lingwi kollha (http://ec.europa.eu/internal_market/services/services-dir/proposal_en.htm).

⁽²⁾ Disponibbli fil-lingwi kollha (http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/important_documents_mt.html).

INTRODUZZJONI	4
1. ID-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI: DESKRIZZJONI QASIRA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET PRINĊIPALI TA' INTERESS MILL-ANGOLU TAL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA	6
1.1. Il-moviment ħieles tas-servizzi u d-Direttiva dwar is-Servizzi: kuntest ġenerali	6
1.2. X'inhu l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi?	6
1.3. Kif tissimplifika l-proċeduri amministrattivi d-Direttiva dwar is-Servizzi?	8
1.4. Kif tiffaċilita l-provvista transkonfinali tas-servizzi id-Direttiva dwar is-Servizzi?	8
1.5. Kif tista' d-Direttiva dwar is-Servizzi tiffaċilita l-istabbiliment ta' negozju?	9
2. KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA TAHT ID-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI	10
2.1. Prinċipji ġenerali	10
2.2. L-xenarji prinċipali tal-kooperazzjoni amministrattiva	12
3. IS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DWAR IS-SUQ INTERN – INHAFFU L-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA	17
3.1. X'inhi l-IMI?	17
3.2. Kif taħdem l-IMI?	17
3.3. Min huma l-atturi involuti fl-IMI?	18
3.4. Kif taċċedi għall-IMI?	19
4. GWIDA PASS PASS: KIF TUŻA L-IMI GĦAD-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI	20
4.1. Kif tibda	20
4.2. Kif tibgħat talba għall-informazzjoni lil awtorità fi Stat Membru ieħor?	20
4.3. Kif twieġeb għal talba għall-informazzjoni li tkun irċeviet l-awtorità tiegħek	30

INTRODUZZJONI

L-għan ta' din il-gwida għall-utent huwa li tingħata assistenza Prattika lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri meta jużaw is-'Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern' (IMI) biex jiskambjaw informazzjoni dwar il-fornituri tas-servizzi u l-attivitajiet tagħhom ⁽³⁾. Din it-tip ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa mid-Direttiva dwar is-Servizzi ⁽⁴⁾.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tiffaċilita l-moviment ħieles tas-servizzi mal-UE billi tneħħi l-barrieri amministrattivi u leġislattivi għall-attivitajiet tas-servizzi. Fl-istess ħin, din tiżgura s-supervizzjoni xierqa tal-fornituri tas-servizzi permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri. Għal dan il-għan, tobbliga lill-Istati Membri jassistu lil xulxin u jiskambjaw informazzjoni, permezz ta' mezzi elettroniċi, kull meta jkun meħtieġ.

Għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni, għandha tintuża s-'Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern' (IMI). L-'Applikazzjoni tal-IMI għad-Direttiva dwar is-Servizzi' ġiet żviluppata mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri tal-UE. Din tgħin lill-utenti tagħha jidentifikaw faċilment l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra u tiffaċilita l-komunikazzjoni bejniethom, b'mod partikolari permezz ta' mistoqsijiet u twegġibiet tradotti minn qabel.

Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri differenti għandha fil-prinċipju ssir direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dawn jistgħu jkunu korpi nazzjonali, reġjonali jew lokali li għandhom rwol superviżorju jew regolatorju fl-Istat Membru tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet tas-servizzi. Dan ifisser li huma responsabbli għar-regolamentazzjoni, l-approvazzjoni, l-ispezzjonar jew is-supervizzjoni tan-negozji (kumpaniji jew individwi) impenjati fis-settur tas-servizzi, inkluż meta r-rwol tagħhom huwa s-supervizzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli ġenerali bħall-istandards ambjentali u tas-sigurtà.

Jekk inti taħdem fi ħdan awtorità kompetenti bħal din, jista' jkollok tuża l-IMI, pereżempju, meta fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor ikun jixtieq jistabbilixxi jew jipprovi servizzi fiż-żona tiegħek (skont il-każ, inti jista' jkollok x'taqsam mad-dokumenti maħruġa fi Stati Membri oħra jew jista' jkollok b'żonn tissorvelja fornitur ta' servizzi li mhuwiex stabbilit fil-pajjiż tiegħek). F'każijiet bħal dawn, tista' titlob informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u għandek tikseb twegġiba mingħandhom kemm jista' jkun malajr. F'każijiet oħra, ikunu l-awtoritajiet kompetenti minn Stati Membri oħra li jkollhom b'żonn informazzjoni dwar il-fornituri ta' servizzi stabbiliti fiż-żona tiegħek u tkun inti li tirċievi talba għal informazzjoni u li jkollok twieġeb.

Din il-gwida għall-utent tiddeskrivi l-modi xierqa ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u tiġbed l-attenzjoni għal kwistjonijiet li huma importanti sabiex l-assistenza reċiproka taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi titħaddem fil-prattika. Il-gwida tipprova tiffaċilita l-użu tiegħek ta' kuljum tal-'applikazzjoni tal-IMI għad-Direttiva dwar is-Servizzi'. Din tiffoka fuq l-iskambju 'normali', ta' kuljum, ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u tipprova tispjega l-obbligi, ix-xenarji u l-funzjonijiet differenti tal-kooperazzjoni amministrattiva. Il-gwida hija strutturata kif ġej:

- Il-Parti 1 tiddeskrivi l-għanijiet prinċipali tad-Direttiva dwar is-Servizzi u d-dispożizzjonijiet l-aktar importanti li trid tkun konxju tagħhom meta tkun qed tikkooopera mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra. Din tagħti deskrizzjoni ġenerali qasira tad-dispożizzjonijiet prinċipali u tispjega l-impatt tagħhom fuq ix-xogħol ta' kuljum tiegħek;

⁽³⁾ It-terminu 'Stati Membri', f'din il-gwida, jintuża biex jirreferi għas-27 Stat Membru tal-UE u t-tliet pajjiżi tal-EFTA li jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri n-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-Servizzi fis-Suq Intern, ĠU L 376 tas-27.12.2006, p. 36. Id-Direttiva dwar is-Servizzi trid tiġi implimentata mill-Istati Membri kollha tal-UE sat-28 ta' Diċembru 2009.

- Il-Parti 2 tindirizza x-xenarji prinċipali li taħthom jista' jqum il-bżonn għal **kooperazzjoni amministrattiva** u tagħti deskrizzjoni ġenerali tas-sitwazzjonijiet meta inti l-aktar li tista' tużaha;
- Il-Parti 3 tipprovdi introduzzjoni qasira tas-**sistema tal-IMI**;
- Il-Parti 4 toffri **gwida sempliċi pass pass tal-użu prattiku tal-applikazzjoni tal-IMI għad-Direttiva dwar is-Servizzi**. Din għandha l-għan li tagħmel konnessjoni bejn il-kunċetti u l-obbligi legali li hemm fid-Direttiva, mal-użu prattiku ta' kuljum tas-sistema.

1. ID-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI: DESKRIZZJONI QASIRA TAD- DISPOŻIZZJONIJIET PRINĊIPALI TA' INTERESS MILL-ANGOLU TAL-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1.1. Il-moviment ħieles tas-servizzi u d-Direttiva dwar is-Servizzi: kuntest ġenerali

Is-servizzi huma mingħajr dubju l-ikbar settur tal-ekonomija Ewropea. Dawn jammontaw għal madwar 70% tal-PGD u tal-impjegi totali fl-Istati Membri tal-UE. B'mod li aktar jolqot l-għajn, f'dawn l-aħħar snin, ġew essenzjalment maħluqa xogħlijiet ġodda fis-servizzi. Iżda minħabba numru kbir ta' barrieri amministrattivi u legali, li ħafna drabi jwasslu għal duplikazzjoni tal-kontrolli u kumplessità mhux ġustifikata, is-suq intern għas-servizzi ma kienx qed jiffunzjona sew sal-lum.

L-għan tad-Direttiva dwar is-Servizzi huwa li jiġi skopert il-potenzjal mhux sfruttat tas-servizzi bħala l-magna għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjegi. Hija tistabbilixxi programm ambizzjuż ta' simplifikazzjoni amministrattiva u regolatorja li l-għan tiegħu huwa li jkun żgurat li kemm il-fornituri kif ukoll dawk li jirċievu s-servizzi jistgħu jibbenefikaw aktar faċilment minn tnejn mil-libertajiet fundamentali li hemm fit-Trattat tal-Komunità Ewropea – il-libertà li tipprovdi servizzi u l-libertà ta' stabbiliment:

- **il-libertà li tipprovdi servizzi** transkonfinali tagħti d-dritt lill-fornituri tas-servizzi (sew individwi u sew kumpaniji) stabbiliti fi Stat Membru wieħed biex imexxu attività ekonomika transkonfinali fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkunu stabbiliti hemmhekk. B'mod simili, din tagħti d-dritt lil dawk li qed jirċievu s-servizzi, li jistgħu jkunu negozji jew konsumaturi, li jirċievu liberalment servizzi minn fornituri stabbiliti fi Stat Membru ieħor;
- **il-libertà ta' stabbiliment** tippermetti, fost affarijiet oħrajn, lill-fornituri tas-servizzi (sew individwi u sew kumpaniji) li jmxexxu attività ekonomika b'mod stabbli u kontinwu fi Stat Membru wieħed jew aktar (jiġifieri li jiġu stabbiliti hemmhekk).

Il-miżuri tas-simplifikazzjoni stipulati bid-Direttiva għandhom jiffaċilitaw b'mod sinjifikanti l-ħajja għan-negozji, għall-konsumaturi u għall-amministrazzjonijiet. Huma għandhom jiffaċilitaw b'mod partikolari l-provvista ta' servizzi madwar is-suq intern Ewropew għall-intrapriżi żgħir u medji (SMEs). Għażla ikbar u aktar trasparenza għandhom jibbenefikaw lill-konsumaturi, waqt li l-amministrazzjonijiet pubbliċi ser ikollhom qafas regolatorju aktar sempliċi biex japplikaw u ser ikunu jistgħu jiddependu fuq għodda tal-komunikazzjoni moderni.

1.2. X'inhu l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi?

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tkopri serje vasta ta' attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-servizzi. Din ma tkoprix, madankollu, attivitajiet ekonomiċi li mhumiex servizzi, bħall-manifattura.

L-attivitajiet fil-qasam tas-servizzi huma ħafna u varjati. Sakemm mhux esklużi espliċitament, id-Direttiva tapplika għalihom kollha. Fil-prattika, dan ifisser li bħala awtorità kompetenti, skont ir-responsabbiltajiet speċifiċi tiegħek, inti jista' jkollok x'taqsam ma' wieħed biss mis-setturi tas-servizzi koperti bid-Direttiva (jekk, pereżempju, inti awtorità li qed tagħmel superviżjoni tas-servizzi tal-kostruzzjoni) jew jista' jkollok x'taqsam ma' ħafna minn dawn is-setturi (jekk, pereżempju, inti l-awtorità responsabbli għal reġistru ġenerali tan-negozju).

B'mod mhux eżawrjenti, dawn huma **eżempji tas-servizzi koperti** bid-Direttiva dwar is-Servizzi:

- kummerċ tad-distribuzzjoni (inkluż il-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa ta' oġġetti u servizzi, minn bejjiegħa bl-imnut kbar, bħas-supermarkets, sa ħwienet żgħar);
- l-attivitajiet ta' ħafna mill-professjonisti regolati (bħal konsulenti legali u fiskali, periti, inġiniera, akkawntants, servejers);
- servizzi ta' kostruzzjoni u artiġjanat (bħal servizzi ta' bini u demolizzjoni iżda wkoll servizzi bħal daww tal-plamers, bajjada, elettriċisti, min iqiegħed il-madum, mastrudaxxi);
- servizzi relatati man-negozju (bħal servizzi ta' manutenzjoni tal-uffiċċji, konsulenza dwar il-ġestjoni, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, rkupru ta' dejn, reklamar u reklutaġġ);
- servizzi fil-qasam tat-turiżmu (bħal servizzi ta' aġenziji tat-turiżmu u gwidi turistiċi);
- servizzi ta' divertiment (bħal servizzi pprovduti minn ċentri tal-isport u parks tad-divertiment);
- servizzi fil-qasam tal-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' tagħmir;
- servizzi ta' informazzjoni (bħal portals tal-Web, attivitajiet ta' aġenzija tal-aħbarijiet, pubblikazzjonijiet, attivitajiet ta' programmar ta' kompjuters);
- servizzi tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (bħal lukandi, ristoranti, ħwienet tax-xorb, servizzi ta' kejtering);
- servizzi fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni (bħal skejjel tal-lingwi u tas-sewqan);
- servizzi tal-proprjetà immobbli;
- servizzi ta' appoġġ domestiku (bħal servizzi ta' tindif, nies li jieħdu ħsieb it-tfal jew servizzi ta' ġardinaġġ).

Id-Direttiva **ma tapplikax għal servizzi li huma espliċitament esklużi** mill-ambitu tal-applikazzjoni tagħha. Dan jinkludi ċerti **setturi tas-servizzi kbar, jiġifieri**: is-servizzi finanzjarji kollha (bħas-servizzi bankarji inkluż self, servizzi ta' istituzzjonijiet tal-kreditu, assigurazzjonijiet, titoli, fondi ta' investment); servizzi tat-telekomunikazzjoni (bħal servizzi tat-telefown u servizzi tal-konnessjoni tal-Internet); servizzi ta' trasport; servizzi ta' kura tas-saħħa (definiti bħala servizzi mediċi u farmaċewtiċi għas-saħħa tal-bniedem li huma riżervati għall-professjonijiet tas-saħħa regolati, iżda mhux servizzi oħra bħal daww tal-veterinarji jew daww mhux riżervati għal professjoni regolata); attivitajiet ta' loġġob tal-ażżard (bħal lotteriji, każinos, imħatri sportivi).

Hemm ukoll ċerti **attivitajiet speċifiċi ta' servizzi** li huma esklużi: servizzi ta' aġenziji tax-xogħol temporanju, servizzi privati tas-sigurtà (jiġifieri s-sorveljanza minn persuni ta' proprjetà jew il-protezzjoni ta' persuni fuq il-post) u servizzi tat-televiżjoni u tar-radju.

Jekk qed ikollok x'taqsam mal-qasam tas-**servizzi soċjali** (mill-akkomodazzjoni soċjali għal servizzi ta' appoġġ differenti għal persuni fil-bżonn) għandek tkun taf li l-obbligi fid-Direttiva (inkluż l-obbligu ta' kooperazzjoni amministrattiva) ma japplikawx meta servizzi bħal dawn ikunu pprovduti direttament mill-Istat (fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali) jew permezz ta' fornitur privat li jkollu mandat speċifiku biex jagħmel hekk mill-Istat. Id-Direttiva lanqas tapplika meta servizzi bħal dawn jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet tal-karità. Fil-każijiet l-oħra kollha, meta s-servizzi jiġu pprovduti minn operaturi privati, dawn huma koperti mid-Direttiva (pereżempju, nies li jieħdu ħsieb it-tfal, jew djar tal-anzjani privati).

Fl-aħħar nett, servizzi pprovduti minn nutara u marixxalli (appuntati permezz ta' att uffiċjali tal-gvern) ukoll huma esklużi mill-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi ⁽⁵⁾.

⁽⁵⁾ Għal aktar dettalji dwar l-ambitu tal-applikazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 2 tal-'Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi'.

1.3. Kif tissimplifika l-proċeduri amministrattivi d-Direttiva dwar is-Servizzi?

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tirrikjedi li l-Istati Membri **jissimplifikaw il-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi** għan-negozji. B'mod partikolari, l-Istati Membri **ser ikollhom inaqqsu l-piż** fuq il-fornituri tas-servizzi f'termini **tat-tip ta' prova u numru ta' dokumenti** meħtieġa minnhom. Pereżempju, regoli li permezz tagħhom fornitur ta' servizzi hu meħtieġ jipproduċi inkartament sħiħ għandhom ikunu simplifikati jekk ċerta informazzjoni/dokumenti jkunu diġà fil-pussess tal-amministrazzjoni. L-istess prinċipju japplika għar-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-**format ta' dokument**. Sakemm ma jkunx ġustifikat, kopji jew traduzzjonijiet iċċertifikati m'għandhomx jibqgħu jkunu meħtieġa. Barra minn hekk, **dokumenti minn Stati Membri oħra** għandhom ikunu aċċettati jekk iservu għal skop ekwivalenti jew jekk jidher biċ-ċar mill-kontenut tagħhom li r-rekwiżit ikkonċernat ġie sodisfatt. Fil-prattika, dan ifisser li, meta inti tkun intitolat li titlob li fornitur ta' servizzi jissodisfa ċerti rekwiżiti nazzjonali, inti trid tikkunsidra dokumenti maħruġa minn Stat Membru ieħor li juru li rekwiżit ekwivalenti diġà ġie sodisfatt fil-pajjiż tal-orijini tiegħu.

L-assigurazzjoni li l-proċeduri amministrattivi jkunu sempliċi biżżejjed teħtieġ proċess ta' verifika dettaljat ta' u, fejn meħtieġ, bidliet fir-regoli, proċeduri u rekwiżiti formali eżistenti. Bħala awtorità kompetenti, fix-xogħol tiegħek ta' kuljum mal-fornituri ta' servizzi jkollok bżonn tikkonforma ma' dawn il-prinċipji ta' simplifikazzjoni f'kull każ individwali. Inti trid tiżgura, pereżempju, li dokumenti minn Stati Membri oħra jingħataw kunsiderazzjoni, fejn rilevanti, u li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet.

Aċċettazzjoni ta' dokumenti ekwivalenti — eżempju

Jekk teħtieġ testijiet perijodiċi għal makkinarju, inti trid taċċetta, bħala prova, ċertifikati jew attestazzjonijiet li fihom ir-riżultati ta' testijiet bħal dawn li jkunu saru fi Stat Membru ieħor.

Fl-istess mod, normalmenti inti m'għandekx teħtieġ is-sottomissjoni ta' ċertifikat tan-nazzjonalità, jew ta' residenza, fejn dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali oħra (pereżempju passaport jew karta tal-identità) diġà jippruvaw din l-informazzjoni.

1.4. Kif tiffaċilita l-provvista transkonfinali tas-servizzi id-Direttiva dwar is-Servizzi?

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tiffaċilita l-attività tal-fornituri ta' servizzi li jridu jipprovdu s-servizzi tagħhom lil Stati Membri oħra mingħajr ma jistabbilixxu ruħhom hemmhekk (pereżempju fil-każ ta' kuntratti, proġetti jew klijenti speċifiċi). Hekk jiġri fil-każ ta' perit minn Franza li jaqsam il-fruntiera biex jiddisinja dar fil-Ġermanja, jew organizzatur ta' avvenimenti mill-Finlandja li jmexxi festival fil-miftuħ fl-Estonja.

F'dan ir-rigward, id-Direttiva dwar is-Servizzi tistabbilixxi l-prinċipju tal-**'libertà li tipprovdi servizzi'**, li tfisser li l-Istati Membri, inġenerali, m'għandhomx jimponu r-rekwiżiti nazzjonali tagħhom fuq fornituri ta' servizzi li jidħlu fil-pajjiż, li jkunu diġà stabbiliti leġittimament fi Stat Membru ieħor u għalhekk soġġetti diġà għar-regoli applikati hemmhekk ⁽⁶⁾.

Ir-rekwiżiti nazzjonali jistgħu jiġu imposti xorta waħda taħt ċerti ċirkostanzi limitati definiti fid-Direttiva jekk it-tliet kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

- ir-rekwiżiti ma jkunux diskriminatorji (jiġifieri ma jipprovdux, direttament jew indirettament, għal trattament differenti ta' fornituri domestiċi u ta' fornituri minn Stati Membri oħra);
- ikunu ġustifikati għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-ħarsien tal-ambjent;
- ikunu meħtieġa u proporzjonati (jiġifieri r-rekwiżiti jkunu addatti sabiex jinkiseb l-iskop mixtieq u ma jkunx hemm mezzi anqas restrittivi li jistgħu jiksbu l-istess għan).

⁽⁶⁾ Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 7 tal-'Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi'.

Barra minn hekk, għandek tkun konxju wkoll tal-fatt li d-Direttiva dwar is-Servizzi tipprovdi għal **derogi addizzjonali minn dan il-prinċipju tal-‘libertà li tipprovdi servizzi’**.

Fil-prattika, meta jkollok x’taqsam ma’ fornitur ta’ servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor, inti trid tiddetermina jekk tistax timponi r-rekwiżiti nazzjonali tiegħek jew le. F’ċerti Stati Membri din is-sitwazzjoni tista’ tkun ġiet regolata b’mod ċar fil-leġiżlazzjoni li tapplika normalment. Stati Membri oħra jistgħu jkunu għażlu li jirregolaw din is-sitwazzjoni f’termini ġenerali f’liġi orizzontali. F’dan il-każ, jista’ jkollok bżonn tivverifika, inti stess, għal kull rekwiżit - u skont il-każ speċifiku - jekk tistax tapplikah jew le. Fi kwalunkwe każ, sabiex tiżgura s-superviżjoni, inti jkollok bżonn l-assistenza ta’ awtorità kompetenti li tkun qed tissorvelja l-fornitur ta’ servizzi fl-Istat Membru tiegħu ta’ stabbiliment, pereżempju jekk trid taċċerta ruħek li l-fornitur ta’ servizzi huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor u li qed jipprovdi s-servizzi tiegħu legalment ⁽⁷⁾.

1.5. Kif tista’ d-Direttiva dwar is-Servizzi tiffaċilita l-istabbiliment ta’ negozju?

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tiffaċilita konsiderevolment l-istabbiliment ta’ negozju fi Stat Membru. Dan jikkonċerna każijiet fejn individwu jew kumpanija jkollhom l-intenzjoni li jwaqqfu stabbiliment f’pajjiż ieħor (sew jekk hija entità kompletament ġdida sew jekk sussidjarja jew fergħa ta’ entità legali li teżisti diġà fi Stat Membru ieħor). Id-Direttiva hija ta’ benefiċċju wkoll għall-fornituri li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fl-Istat Membru tagħhom stess, minħabba li dawn se jibbenefikaw minn regoli u proċeduri simplifikati. B’mod partikolari, l-Istati Membri jridu jneħħu awtorizzazzjonijiet mhux ġustifikati waqt li l-bqija tal-proċeduri jkunu jridu jiġu simplifikati. Barra minn hekk, numru ta’ rekwiżiti legali jridu jitneħħew jew jinbidlu. Dawn l-obbligi jridu jiġu implimentati permezz ta’ bidliet fil-qafas regolatorju ta’ kull Stat Membru sad-data tal-implimentazzjoni tad-Direttiva (jiġifieri sal-aħħar tal-2009) sabiex fil-prinċipju jiġu nkorporati fil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

F’dan il-kuntest, il-kooperazzjoni amministrattiva tista’ ssir neċessarja, pereżempju, meta fornitur ta’ servizzi minn Stat Membru ieħor jiġi biex jistabbilixxi ruħu fl-Istat Membru tiegħek (pereżempju ċittadin Grieg li jixtieq jiftaħ aġenzija tar-reklamar fil-Belġju, jew kumpanija Ġermaniża li tbiegħ bl-imnut li tixtieq tistabbilixxi negozju fil-Latvja). F’każijiet bħal dawn, inti tista’, pereżempju, jkollok bżonn l-assistenza tal-awtorità kompetenti mill-Istat Membru ta’ stabbiliment tal-fornitur fir-rigward ta’ dokumenti li nħarġu hemmhekk ⁽⁸⁾.

⁽⁷⁾ Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 2.2.1 hawn taħt.

⁽⁸⁾ Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 2.2.2 hawn taħt.

2. KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA TAHT ID-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI

2.1. Prinċipji ġenerali

Il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri hija essenzjali sabiex is-suq intern tas-servizzi jaħdem sew. In-nuqqas kurrenti ta' komunikazzjoni regolari bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri wasslet għal proliferazzjoni ta' regoli applikabbli għall-fornituri u duplikazzjoni tal-kontrolli fuq attivitajiet transkonfinali. In-nuqqas ta' komunikazzjoni jista' jintuża wkoll minn negozjanti diżonesti sabiex jevitaw is-superviżjoni jew sabiex jaħarbu mir-regoli applikabbli fuq is-servizzi. Din hija waħda mir-raġunijiet prinċipali għaliex il-moviment ħieles tas-servizz s'issa għadu ma jiffunzjonax sew.

Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet ikun kważi mpossibbli għall-awtoritajiet kompetenti li jiksibu informazzjoni diretta li tista' tkun essenzjali għall-iżgurar ta' superviżjoni proprja tal-attivitajiet tas-servizzi, pereżempju:

- jekk fornitur ta' servizzi huwiex stabbilit legalment fi Stat Membru ieħor (eż. jekk kumpanija hijiex inkorporata legalment hemmhekk);
- jekk fornitur ta' servizzi huwiex intitolat jew awtorizzat li jeżerċita l-attività kkonċernata (eż. jekk fornitur għandux awtorizzazzjoni valida jew reġistrazzjoni fl-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu);
- jekk dokument inħariġx verament minn awtorità kompetenti minn Stat Membru ieħor (bħal ċertifikazzjoni għall-użu ta' makkinarju);
- jekk dokument sottomess għadux validu.

Il-kooperazzjoni amministrattiva tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiksibu informazzjoni akkurata direttament mill-kontrapartijiet fi Stati Membri oħra. Fl-istess ħin tgħin biex tiżgura li s-superviżjoni ma twassalx għal duplikazzjoni tal-kontrolli jew għal ostakli addizzjonali mhux ġustifikati għall-fornituri ta' servizzi. Maż-żmien, il-kooperazzjoni regolari għandha tikkontribwixxi għat-tiżiħ tal-fiduċja fis-sistemi legali u amministrattivi ta' Stati Membri oħra u għandha ssir prattika standard.

Ostaklu addizzjonali għall-fornituri ta' servizzi - eżempju

Fornitur ta' servizzi jista' diġà jkun soġġett għal verifika ambjentali fl-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu fir-rigward tas-sodezza ambjentali tal-operat u l-metodi tax-xogħol tiegħu. Dawn ir-riżultati tal-verifika jridu jingħataw kunsiderazzjoni fil-każ tal-provvista transkonfinali tas-servizzi sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti fl-Istat Membru li jospita ma tiddupplikax dan.

2.1.1. Obbligu ġenerali għall-kooperazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni amministrattiva ssir b'mod effettiv, id-Direttiva dwar is-Servizzi tistabbilixxi obbligu legali għall-Istati Membri li jagħtu assistenza reċiproka b'mod rapidu u effiċjenti. Dan ifisser li inti tista' titlob informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħrajn u tkun żgur li ser tirċievi tweġiba fi żmien qasir. Iżda inti wkoll trid tipprovi informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra li jkollhom bżonn informazzjoni speċifika dwar il-fornituri ta' servizzi fil-qasam tal-kompetenza tiegħek. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir bl-użu tal-IMI ⁽⁹⁾.

⁽⁹⁾ Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 3 hawn taħt.

2.1.2. *Obbligu li jintużaw il-mezzi neċessarji kollha*

L-obbligu tal-kooperazzjoni huwa komprensiv u jinkludi l-**obbligu li jittieħdu l-miżuri kollha possibbli neċessarji għall-kooperazzjoni effettiva**.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi ma tispeċifikax il-metodi li jridu jintużaw jew il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex jinkiseb dak ir-riżultat. **Huwa f'idejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jirċievi talba li tiddeċiedi, f'kull każ individwali, dwar il-mod xieraq biex tiġbor l-informazzjoni mitluba.** Meta jagħmlu hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu sakemm ikun permess mill-poteri mogħtija lilhom fl-Istat Membru tagħhom.

Fil-prattika, meta tirċievi talba għal informazzjoni minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor dwar fornitur ta' servizzi, inti għandek l-obbligu li tgħin, anki meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli għalik. Inti trid tiddeċiedi dwar il-modi xierqa biex tikseb l-informazzjoni fi ħdan il-kompetenza tal-awtorità tiegħek. Inti tista' tikkonsulta r-reġistri jew id-dejtabejżis tal-awtorità tiegħek, jew tikkuntattja awtoritajiet oħra fl-Istat Membru tiegħek jew tagħmel verifiki fattwali, pereżempju, billi tikkuntattja lill-fornituri, billi tagħmel spezzjonijiet fuq il-post fil-bini tal-fornituri ta' servizzi, jew permezz ta' mezzi oħra.

Sodisfazzjon tal-obbligi tiegħek ta' assistenza reċiproka - eżempju

Awtorità kompetenti tirċievi talba għal informazzjoni dwar persuni awtorizzati li jaġixxu bħala fornituri ta' servizzi. Fil-każ li ma jkollhiex l-informazzjoni disponibbli, jkollha bżonn tikseb l-informazzjoni, pereżempju billi tara reġistru jew billi tistaqsi lill-fornitur tas-servizzi.

X'jiġri jekk ... ma tkunx tista' tidentifika l-fornitur ta' servizzi kkonċernat jew ma tistax tikseb l-informazzjoni rilevanti?

Inġenerali, m'għandux ikun hemm diffikultà biex tidentifika l-fornitur ta' servizz li rċevejt talba dwaru. Dan għaliex, fi ħdan l-IMI, ċerta dejta prinċipali li hija ġeneralment suffiċjenti biex tidentifika l-fornitur, bħall-isem u l-indirizz tal-fornitur ta' servizzi, ikunu ġew inseriti qabel ma ssir it-talba.

Barra minn hekk, fil-maġġoranza tal-każijiet, sakemm inti tkun kompetenti għal ċertu fornitur ta' servizzi jew fil-qasam speċifiku li għandu x'jaqşam mat-talba, inti għandek tkun tista' ssib l-informazzjoni li tkun ġiet mitluba billi tuża l-kompetenza tal-awtorità tiegħek fil-qasam partikolari. Jekk inti m'intix kompetenti biex twieġeb talba, tista' tibgħat it-talba lill-awtorità kkonċernata li tkun qed tittratta l-kwistjoni jew lill-koordinatur tal-IMI tiegħek.

Jekk ikun hemm xi diffikultajiet, pereżempju ma tkunx tista' tidentifika l-fornitur ta' servizzi, jew ma tistax tikseb l-informazzjoni malajr, pereżempju għaliex l-informazzjoni ma tkunx disponibbli immedjatament għalik u għandek bżonn tikkuntattja awtoritajiet kompetenti oħra, inti għandek tinforma malajr lill-awtorità li qed tagħmel it-talba u tipprova ssib soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, għandek tagħmel kuntatt mal-koordinatur tal-IMI tiegħek.

Inti għandek tagħmel kuntatt mal-koordinatur tal-IMI tiegħek ukoll meta ma tirċevix tweġiba għal talba li tkun bgħatt lil awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor.

2.1.3. *It-talbiet kollha jridu jkunu speċifiċi u debitament motivati*

Talbiet għall-assistenza jridu jkunu speċifiċi, pereżempju jridu jindikaw b'mod ċar x'tip ta' informazzjoni hi meħtieġa. F'haġfa każijiet, it-talbiet li jintbagħtu fi ħdan l-IMI jkunu speċifiċi għaliex, sabiex jiġu evitati l-ostakli lingwistiċi, it-talbiet ġeneralment ikunu mibnija fuq mistoqsijiet formulati minn qabel. It-talbiet jistgħu, madankollu, jużaw ukoll test ħieles; f'dan il-każ trid toqgħod attent li t-talba tkun speċifika. Altrimenti, inti tirriskja li l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba tipprovdi aktar informazzjoni milli teħtieġ (jekk it-talba tkun ġenerali jew vasta wisq), ħaġa li toħloq xogħol bla bżonn u tista' ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta. Jekk it-talba ma tkunx ċara, inti tirriskja wkoll li l-awtorità kompetenti li tirċievi t-talba ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni li teħtieġ.

Talbiet għall-assistenza jridu jkunu debitament motivati mill-Istat Membru li jibgħat it-talba. Dan ifisser li inti trid tagħti raġunijiet għaliex l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiżgura superviżjoni xierqa tal-fornitur ta' servizzi kkonċernat. Il-motivazzjoni trid tkun relatata ma' fornitur ta' servizzi partikolari u m'għandhiex tkun sempliċement relatata ma' tħassib ġenerali. Fis-sistema tal-IMI, kull meta tibgħat talba għall-assistenza, inti tkun trid tagħti motivazzjoni speċifika għat-talba tiegħek. Din tgħin lill-awtorità li qed tirċievi t-talba tifhem għaliex inti qed titlob għall-assistenza tagħha u x'għandek bżonn eżattament.

Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni jimplika wkoll li l-kooperazzjoni amministrattiva m'għandhiex tintuża b'mod sistematiku sabiex isiru verifiki ġenerali fuq il-fornituri ta' servizzi, jiġifieri m'għandekx tibgħat talbiet kull meta tkun qed tittratta ma' fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor. Inti għandek tagħmel hekk biss jekk verament għandek dubju ġustifikat, pereżempju jekk għandek indikazzjonijiet li fornitur ta' servizzi mhuwiex intitolat jew awtorizzat li jagħmel kummerċ jew jekk għandek bżonn tivverifika jekk tistax tapplika r-rekwiżiti nazzjonali tiegħek.

Motivazzjoni għal talba dwar dokumenti

It-talbiet m'għandhomx jintbagħtu għall-verifika tal-awtentiċità ta' dokumenti maħruġa fi Stat Membru ieħor jekk m'hemm l-ebda raġuni li wieħed jissuspetta li dawn mhumienx kompleti jew li huma foloz. Talbiet bħal dawn għandhom jintbagħtu jekk ikollok raġuni li tiddubita, pereżempju:

- L-akkuratezza tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur ta' servizzi,
- L-awtentiċità u l-validità tad-dokumenti sottomessi mill-fornituri ta' servizzi.

Motivazzjoni għal talba dwar stabbiliment legali

Fil-każijiet ta' forniment tas-servizzi transkonfinali, jiġifieri jekk il-fornituri stabbiliti fi Stat Membru ieħor jivvjaġġaw lejn pajjiżek biex jipprovdu servizzi, inti m'għandekx sistematikament tibgħat talbiet għall-informazzjoni lill-Istati Membri ta' stabbiliment korrispondenti biex tistaqsi jekk il-fornituri humienx verament stabbiliti legalment hemmhekk.

Għal darb'oħra, inti għandek tibgħat talba bħal din biss jekk għandek dubji raġonevoli dwar jekk fornitur speċifiku huwiex stabbilit verament fi Stat Membru ieħor; pereżempju, minħabba lmenti mid-destinatariji jew minħabba informazzjoni kontradittorja li tirriżulta mill-kontenut tad-dokumenti użati mill-fornitur ta' servizzi, bħal informazzjoni kontradittorja dwar il-forma legali fl-Istat Membru ta' stabbiliment preżunt jew dwar il-persuni li għandhom il-mandat li jirrappreżentaw il-fornitur.

2.2. Ix-xenarji prinċipali tal-kooperazzjoni amministrattiva

L-obbligu tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet minn Stati Membri oħra huwa relatat mad-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva dwar is-Servizzi u jkopri żewġ sitwazzjonijiet prinċipali:

- **każijiet ta' provvista ta' servizzi**, li fihom fornitur ta' servizzi stabbilit legalment fi Stat Membru A qed jipprovdi servizzi fi Stat Membru B, mingħajr it-twaqqif ta' stabbiliment fl-Istat Membru B (pereżempju kumpanija stabbilita fl-Istat Membru A li qed tipprovdi servizzi ta' konsulenza relatati mal-proġetti tal-konstruzzjoni ta' wieħed mill-klijenti tagħha fl-Istat Membru B);
- **każijiet ta' stabbiliment**, li fihom fornitur ta' servizzi jixtieq jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru sabiex imexxi attivitajiet ekonomiċi hemmhekk jew fejn fornitur huwa diġà stabbilit legalment fi Stat Membru u jixtieq jiftaħ it-tieni stabbiliment (pereżempju veterinarju minn Stat Membru A li jiddeċiedi li jiftaħ it-tieni Prattika fi Stat Membru B jew kumpanija li tiftaħ sussidjarja fi Stat Membru ieħor).

Din id-distinzjoni hija importanti għaliex jista' jkollha effett fuq jekk tistax tapplika r-rekwiżiti nazzjonali tiegħek jew le, u jista' jkollha effett ukoll fuq l-informazzjoni li jista' jkollok bżonn minn awtoritajiet kompetenti minn Stat Membru ieħor.



Trid tiftakar li **mhux** il-kumpaniji jew l-individwi kollha li qed jipprovdu servizzi fit-territorju tiegħek huma neċessarjament stabbiliti hemmhekk. Dan irid jiġi determinat għal kull każ individwali.

Normalment m'għandux ikun hemm dubju dwar jekk kumpanija jew individwu humiex stabbiliti fl-Istat Membru tiegħek, pereżempju jekk humiex legalment irreġistrati/stabbiliti skont ir-rekwiżiti għall-istabbiliment f'pajjiżek. Bl-istess mod, jekk fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor jipprovdi servizzi fit-territorju tiegħek okkażjonalment biss, dan il-fornitur ta' servizzi normalment għandu jiġi kkunsidrat bħala dipendenti fuq il-libertà li jipprovdi servizzi. Fil-każ ta' dubji, dawn iridu jiġu vverifikati b'attenzjoni fuq il-bażi tal-kriterji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea; b'mod partikolari it-**tul ta' żmien, il-perjodiċità, ir-regolarità** jew il-**kontinwità**.

It-**tul ta' żmien li fih jibqa' jiġi fornit** is-servizz jista' jikkostitwixxi indikazzjoni, iżda ma tistax tikkonkludi awtomatikament li jekk servizz ilu pprovdut f'pajjiżek għal perjodu twil ta' żmien dan ifisser li l-fornitur ta' servizzi huwa stabbilit f'pajjiżek. Fil-prattika ċerti servizzi jistgħu jieħdu żmien twil iżda xorta waħda jibqgħu temporanji. Għalhekk, f'ċerti każijiet it-tul ta' żmien ma jistax ikun l-uniku indikatur. Għandek tkun taf ukoll li ma tistax tistabbilixxi limiti taż-żmien ġenerali li meta jgħaddu int awtomatikament tikkunsidra lill-fornitur ta' servizzi bħala stabbilit.

Provvisa/stabbiliment ta' servizzi ħielsa mid-distinzjoni – tul ta' żmien - eżempju

Perit A minn Stat Membru ieħor tirbaħ kompetizzjoni ta' proġett internazzjonali biex tiddisinja teatru tal-opra ġdid fil-belt kapitali tiegħek. Din qed teżerċita d-dritt tagħha għall-provvista ħielsa ta' servizzi.

Perit B jiddeċiedi li jiftaħ uffiċċju sekondarju f'pajjiżek, li jimpjega personal lokali u jservi klijenti lokali minn dak l-uffiċċju. Hu qed jeżerċita d-dritt għall-istabbiliment.

It-tul ta' żmien ma jkunx indikatur suffiċjenti tal-istabbiliment peress li l-proġett tal-perit A jista' jdum sentejn biex jitlesti u għal dan il-għan hi tista' tqatta' ħafna żmien fit-territorju tiegħek. Madankollu, minħabba li l-attività tagħha hija ta' tip temporanju (hi mhux se teżerċita l-attivitajiet tagħha lil hinn mit-tlestija tal-proġett) din tibqa' provvista ta' servizzi transkonfinali. Fis-sens oppost, l-uffiċċju tal-perit B jista' jirriżulta bħala falliment u jista' jingħalaq fi żmien f'tit xhur biss mill-ftuħ tiegħu iżda, minkejja t-tul limitat ta' żmien tal-attivitajiet ekonomiċi, huwa evidenti li dan huwa każ ta' stabbiliment.

Indikaturi oħra li jridu jiġu kkunsidrati huma r-**regolarità, il-perjodiċità u l-kontinwità** tal-provvista tas-servizzi. Inti trid tagħmel verifika bbażata fuq it-tip ta' servizzi li l-kumpanija/individwu qed jipprovdu u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ. Għal darb'oħra, ma tistax tikkonkludi awtomatikament li, pereżempju, jekk fornitur ta' servizzi jkun regolament f'pajjiżek dan ifisser li huwa stabbilit hemmhekk (pereżempju, konsulent fi Stat Membru ieħor li jipprovdi servizzi lil klijent wieħed fl-Istat Membru tiegħek darba fix-xahar m'għandux awtomatikament jiġi kkunsidrat bħala stabbilit fl-Istat Membru tiegħek minħabba l-fatt sempliċi tal-preżenza regolari u perijodika tiegħu hemmhekk).

L-użu ta' **infrastruttura jista' jkun indikatur ukoll iżda, għal darb'oħra, mhuwiex suffiċjenti biex jiddetermina l-istabbiliment**. Fornitur għandu d-dritt tal-użu ta' infrastruttura fl-Istat Membru li qed jospitah għall-provvista transkonfinali ta' servizzi, għalhekk dan l-element, waħdu, mhuwiex deċiżiv biex jiddetermina l-istabbiliment (pereżempju ċirku minn Stat Membru A ma jistax ikun ikkunsidrat bħala stabbilit jekk dan jipparteċipa matul ix-xhur tas-Sajf f'avveniment fi Stat Membru B bl-użu tal-infrastruttura tiegħu stess; jew kumpanija tal-kostruzzjoni minn Stat Membru A li tuża uffiċċju matul it-tlestija ta' proġett kbir fi Stat Membru B) ⁽¹⁰⁾.

⁽¹⁰⁾ Għal aktar informazzjoni dwar id-distinzjoni bejn l-istabbiliment u l-provvista ta' servizzi transkonfinali, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 7.1.1 tal-'Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi'.

2.2.1. Kooperazzjoni amministrattiva fil-każijiet ta' provvista transkonfinali ta' servizzi

Il-kooperazzjoni amministrattiva tkun importanti b'mod partikolari f'każijiet ta' provvista ta' servizzi transkonfinali, jiġifieri s-sitwazzjoni fejn fornitur ta' servizzi li huwa stabbilit fi Stat Membru A jipprovdi servizzi transkonfinali fi Stat Membru B mingħajr ma jwaqqaf stabbiliment permanenti.

Provvista ta' servizzi transkonfinali - eżempji

- (a) Veterinarju stabbilit fi Stat Membru A li jivvjaġġa lil hinn mill-fruntiera lejn Stat Membru B biex jagħti konsultazzjonijiet lokali.
- (b) Perit stabbilit fi Stat Membru A li jiddisinja dar tal-vaganzi fi Stat Membru B.
- (c) Gwida turistika stabbilita fi Stat Membru A li takkompanja grupp vjaġġaturi li qed iżur Stat Membru B.

Fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi dwar il-libertà ta' provvista ta' servizzi, l-Istat Membru fejn ikun qed jiġi pprovdut is-servizz transkonfinali jista' japplika r-reqwiżit tiegħu stess lil fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor **biss** jekk ir-reqwiżit ikkonċernat jew:

■ **jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar is-Servizzi:**

- ir-reqwiżit mhuwiex diskriminatorju >> ir-reqwiżit ma jipprovdi, direttament jew indirettament, għal trattament differenti tal-fornituri domestiċi u tal-fornituri minn Stati Membri oħra (pereżempju, li timponi sistema ta' liċenzji biss għall-fornituri minn Stati Membri oħra huwa diskriminatorju);
- ir-reqwiżit huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-protezzjoni tal-ambjent; U
- ir-reqwiżit huwa neċessarju u proporzjonat >> huwa xieraq għall-iżgurar tal-kisba tal-għan mixtieq u m'hemmxx mezzi anqas restrittivi li jistgħu jiksbu l-istess għan (pereżempju, fejn l-għan tal-interess pubbliku tal-ħarsien tal-ambjent jeħtieġ li, f'ċerti setturi tas-servizzi, il-fornituri jsegwu korsijiet tat-taħriġ, għandek tqis jekk dan l-għan inkisibx diġà minn korsijiet tat-taħriġ simili li l-fornitur ta' servizzi huwa soġġett għalihom fl-Istat Membru ta' stabbiliment).

■ **jew huwa kopert minn deroga addizzjonali mill-prinċipju tal-'libertà li tipprovdi servizzi', kif elenkat fl-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar is-Servizzi:**

Dawk l-aktar importanti li trid tiftakar huma d-derogi għar-reqwiżiti relatati mas-sigurtà soċjali nazzjonali (bħall-pensjonijiet, il-benefiċċji għall-qgħad jew tal-maternità), mar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (jiġifieri ir-rikonoxximent taċ-ċertifikati, diplomi jew esperjenza professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor) ⁽¹¹⁾ u wkoll għar-reqwiżiti li jirriservaw attività għal professjoni regolata partikolari. F'dawn il-każijiet l-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut jista' jimponi r-reqwiżiti nazzjonali tiegħu stess fuq il-fornituri ta' servizzi minn Stati Membri oħra (jekk dan huwa kompatibbli mat-Trattat KE).

2.2.1.1. Sitwazzjoni A — *Talbiet għal assistenza relatati ma' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor*

Meta fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor jimpenja ruħu f'attivitajiet transkonfinali f'pajjiżek, jista' jkollok bżonn tipi differenti ta' informazzjoni skont is-sitwazzjoni kkonċernata.

⁽¹¹⁾ Għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, l-IMI toffri modulu ta' kooperazzjoni amministrattiva separat, ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali riveduta (2005/36/KE, ĠU L 255, 30.9.2005). Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 3 hawn taħt.

1. Fil-każ ta' dubji inti jista' jkollok bżonn **informazzjoni li tikkonferma li l-fornitur ta' servizzi qiegħed verament jipprovdi servizzi transkonfinali** (f'termini legali: biex tiżgura li l-fornitur huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor u jista' jiddependi fuq il-klawsola tal-libertà li tipprovdi servizzi tad-Direttiva dwar is-Servizzi). Inti tista', pereżempju, titlob informazzjoni dwar jekk fornitur huwiex stabbilit legalment fi Stat Membru ieħor u jekk imexxix l-attivitajiet tiegħu minn dan l-istabbiliment.

Talba dwar l-istabbiliment legali fi Stat Membru ieħor - eżempju

Bħala awtorità fi Stat Membru A inti tista' ssir taf dwar l-attivitajiet ta' organizzatur ta' avvenimenti li jiddikjara li huwa stabbilit fi Stat Membru B. Madankollu, inti ma ssib l-ebda indikazzjoni ta' indirizz ta' dak l-organizzatur ta' avvenimenti fl-Istat Membru B. Sabiex tkun tista' tivverifika jekk dan huwiex każ ta' provvista ta' servizzi transkonfinali, inti tiddeċiedi li tagħmel kuntatt mal-awtoritajiet tal-Istat Membru B sabiex tiddetermina jekk l-organizzatur tal-avvenimenti huwiex verament stabbilit u jmexxix attivitajiet fl-Istat Membru B.

2. **It-tip ta' informazzjoni** li tista' teħtieġ f'sitwazzjonijiet transkonfinali **jiddependi fuq jekk tistax tapplika r-rekwiżiti tiegħek fil-każ ikkonċernat**. Nistgħu niddistingwu żewġ sitwazzjonijiet.

(a) F'sitwazzjonijiet fejn ma tistax timponi r-rekwiżiti tiegħek fuq il-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor (jiġifieri jekk ir-rekwiżit ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16 u mhuwiex kopert mid-derogi fl-Artikolu 17), inti tista' titlob informazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur, fejn iqumu dubji sostanzjati dwar jekk il-fornituri huwiex qed jipprovdi legalment servizzi transkonfinali mill-istabbiliment tiegħu fl-Istat Membru l-ieħor. Pereżempju, inti jista' jkollok bżonn ta' informazzjoni dwar jekk il-fornitur ta' servizzi huwiex verament intitolat biex jipprovdi tip speċifiku ta' servizzi fl-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħu u jekk jipprovdihomx b'mod legali.

Provvista ta' servizzi transkonfinali, mistoqsijiet lill-Istat Membru ta' istabbiliment - eżempju

Perit minn Stat Membru A qed jipprovdi servizzi temporanji lil klijenti fi Stat Membru B. Bħala awtorità fl-Istat Membru B inti tiskopri li dan il-perit qed jeżerċita l-professjoni tiegħu f'kumpanija li tipprovdi kemm servizzi ta' arkitettura kif ukoll ta' kostruzzjoni. Fl-Istat Membru tiegħek l-eżerċitar konġunt ta' dawn l-attivitajiet huwa meqjus bħala mhux kompatibbli u għandek dubji dwar jekk dan huwiex permess fl-Istat Membru A, u, jekk hu hekk, kif jiġu ttrattati l-kunflitti tal-interess.

Inti tagħmel kuntatt mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru A biex tiskopri jekk dan il-fornitur ta' servizzi huwiex jeżerċita l-attivitajiet tiegħu b'mod legali u kif l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru A tista' tipprevjeni konflitti tal-interess possibbli jew in-nuqqas ta' kompatibilità abbażi tal-leġiżlazzjoni tagħha.

(b) F'sitwazzjonijiet fejn tista' timponi r-rekwiżiti tiegħek fuq il-fornituri ta' servizzi li jidħlu f'pajjiżek, skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva dwar is-Servizzi u t-Trattat KE, inti tista' titlob lill-fornitur ta' servizzi li jipprovdi informazzjoni u, fejn ikun meħtieġ, jissottometti dokumenti. Bħal fil-każijiet ta' stabbiliment (ara hawn taħt), it-talbiet indirizzati lill-Istat Membru ta' stabbiliment ħafna drabi jikkonċernaw id-dokumenti.

Provvista ta' servizzi transkonfinali, mistoqsijiet lill-Istat Membru ta' stabbiliment - eżempju

Kumpanija stabbilita fi Stat Membru A qed tipprovdi s-servizzi tagħha f'avveniment pubbliku kbir li qed isir fi Stat Membru B. Sabiex tagħmel hekk tuża t-tagħmir tal-ħoss speċifiku tagħha. Bħala awtorità kompetenti tal-Istat Membru B, inti għandek dubji sostanzjati dwar is-sodezza teknika tat-tagħmir użat u l-livelli tal-ħoss li joħloq. Inti tikkuntattja lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru A biex tivverifika jekk id-dokumenti taċ-ċertifikazzjoni sottomessi mill-fornitur ta' servizzi fir-rigward ta' dan it-tagħmir humiex validi.

- 2.2.1.2. **Sitwazzjoni B** — **Talbiet għal assistenza relatati ma' fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru li qed jipprovdi wkoll servizzi fi Stati Membri oħra**

Bħala awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-fornitur, inti normalment iżżomm u/jew ikollok aċċess għall-informazzjoni dwar l-għan tal-attività, il-forma legali, ir-responsabbiltajiet legali, eċċ. Madankollu,

inti tista' teħtieġ ukoll informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi fi Stat Membru ieħor sabiex tkun tista' tissorvelja l-konformità tiegħu. Sitwazzjoni bħal din tista', pereżempju, tqum wara li destinatariju jew kompetitur minn Stat Membru ieħor ikun għamel ilment dwar il-fornitur, u/jew l-awtorità kompetenti tiegħek tkun ġiet mitluba minn awtorità ta' Stat Membru ieħor biex tiżgura l-konformità mar-regolamenti tiegħek.

Provista ta' servizzi transkonfinali, mistoqsijiet lill-Istat Membru fejn qed jiġi pprovdut is-servizz - eżempju

Bħala awtorità kompetenti ta' Stat Membru A inti għandek l-obbligu li tivverifika, għal raġunijiet ta' sigurtà, il-konformità permezz ta' spezzjoni teknika perjodika ta' ċertu tagħmir. Inti tirċievi informazzjoni li kumpanija stabbilita f'pajjiżek tista' tkun qed tipprovi servizzi lil Stat Membru B billi tuża tagħmir li, skont ir-reġistri tiegħek, qabeż spezzjoni teknika perjodika. Inti tikkuntattja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru B u tistaqsi dwar dan.

Għandu jkun ċar li f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-awtorità kompetenti tiegħek m'għandhiex tmexxi verifiki fit-territorju tal-Istat Membru l-ieħor iżda għandha titlob l-informazzjoni neċessarja mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn is-servizzi qed jiġu pprovduti.

2.2.2.. Kooperazzjoni amministrattiva f'każijiet ta' stabbiliment

Fornitur ta' servizzi minn Stat Membru wieħed (ċittadin jew kumpanija inkorporata hemmhekk) irid jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor. Nistgħu niddistingwu żewġ sitwazzjonijiet li jikkwalifikaw bħala stabbiliment — stabbiliment primarju u dak sekondarju. Pereżempju:

- persuna gradwata fi studji veterinarji minn Stat Membru A tiftaħ ufficiju fi Stat Membru B; dan huwa l-istabbiliment primarju tagħha;
- ditta tal-konsulenza minn Stat Membru A tiddeċiedi li tiftaħ fergħa fi Stat Membru B; dan huwa stabbiliment sekondarju.

Bħala awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment inti għandek tiżgura l-konformità mal-leġiżlazzjoni tiegħek (pereżempju mar-rekwiżiti li wieħed jirreġistra fir-reġistru kummerċjali jew ma' korp professjonali, mal-obbligi li wieħed jikseb awtorizzazzjoni fejn ġustifikat, eċċ.). Sabiex tivverifika jekk fornitur ta' servizzi jissodisfa dawn ir-rekwiżiti, inti tista' teħtieġ li hu jipprovi informazzjoni u, skont il-każ, li jissottometti ċerti dokumenti (pereżempju biex jagħmel applikazzjoni, biex jipprovi dokumenti li juru li ħareġ l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili neċessarja, eċċ.).

F'ċerti każijiet, inti tista' wkoll titlob assistenza mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru minn fejn jiġi l-fornitur, pereżempju sabiex tiżgura (f'każijiet ta' dubju) jekk dokument huwiex awtentiku jew għadux validu. Dan huwa importanti b'mod partikolari sabiex tiżgura li l-proċeduri u l-formalitajiet jibqgħu kemm jista' jkun sempliċi għall-fornitur ta' servizzi.

Eżempju

Bħala awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn il-fornitur ta' servizzi jixtieq jiftaħ sussidjarja, inti jista' jkollox bżonn titlob informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ewwel stabbiliment sabiex tivverifika l-veraċità tal-informazzjoni pprovduta fir-rigward tal-persuni awtorizzati biex jirrapreżentaw lill-fornitur ta' servizzi fir-rigward tat-twaqqif ta' sussidjarja.

3. IS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DWAR IS-SUQ INTERN – INHAFFU L-KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

3.1. X'inhil IMI?

Is-sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI) hija għodda elettronika intiża biex tappoġġja l-kooperazzjoni amministrattiva ta' kuljum bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi fis-suq intern.

L-IMI hija sistema unika intiża biex tappoġġja l-kooperazzjoni amministrattiva relatata ma' ħafna biċċiet tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern. Preżentement, l-IMI tintuża għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-oqsma li ġejjin:

- fuq bażi operattiva għall-kooperazzjoni fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali għal 11-il professjoni, kif stipulat bid-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali;
- fuq bażi pilota għall-kooperazzjoni stipulata bid-Direttiva dwar is-Servizzi; il-bażi pilota se ddum biss sal-aħħar tal-2009 meta l-kooperazzjoni amministrattiva għad-Direttiva dwar is-Servizzi trid tkun qed taħdem ukoll fuq bażi operattiva.

Il-vantaġġ ta' sistema unika huwa li awtorità jkollha bżonn tittratta biss ma' sistema waħda u tiġi rreġistrata fis-sistema darba biss. Skont il-qasam tal-kompetenza, din tista' taċċedi għal qasam leġislattiv wieħed jew aktar appoġġjati mill-IMI.

3.2. Kif taħdem l-IMI?

L-IMI tagħmel l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti possibbli billi tippermettilhom isibu faċilment l-interlokutur rilevanti fl-Istati Membri l-oħra u jikkomunikaw ma' xulxin b'mod rapidu u effiċjenti.

Din tippermetti lill-utenti fl-awtoritajiet kompetenti li jegħlbu ostakli prattiċi importanti għall-komunikazzjoni, l-aktar importanti fosthom id-differenzi fil-kulturi amministrattivi u tax-xogħol, il-lingwi differenti, u nuqqas ta' sħab identifikati b'mod ċar fi Stati Membri oħra.

L-IMI toffri diversi karatteristiċi li għandhom inaqqsu b'mod konsiderevoli l-volum ta' xogħol tal-utenti fl-awtoritajiet kompetenti u tiffaċilita l-komunikazzjoni, bħal:

- direttorji ta' dettalji tal-kuntatt u kriterji tat-tiftix (inklużi dettalji tal-indirizzi u informazzjoni dwar il-kompetenza) dwar l-awtoritajiet kompetenti madwar l-UE;
- faċilità tat-tiftix multilingwistika għall-awtoritajiet kompetenti;
- lista ta' mistoqsijiet u tveġibiet definiti minn qabel (ibbażati fuq kull leġiżlazzjoni speċifika) disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE sabiex tgħin lill-awtoritajiet jikkomunikaw ma' xulxin;
- appoġġ lingwistiku addizzjonali, inkluż l-aċċess għal għodda tat-traduzzjoni mekkanika onlajn tal-Kummissjoni Ewropea;
- sett ta' proċeduri trasparenti dwar kif jiġu ttrattati t-talbiet, miftehma bejn l-Istati Membri kollha;
- il-possibbiltà ta' skambju ta' dokumenti u ċertifikati elettroniċi;

- għodda tal-ġestjoni tat-talbiet għall-monitoraġġ tal-progress u għall-identifikazzjoni ta' problemi potenzjali ta' talbiet għall-informazzjoni speċifiċi (inklużi twissijiet awtomatiċi bil-posta elettronika kull meta awtorità trid tiegħu azzjoni relatata ma' talba);
- mekkaniżmi għas-sejba ta' soluzzjoni għall-problemi fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Negħlbu l-ostaklu lingwistiku — l-'arti ta' dak li huwa possibbli'

Sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet madwar l-Ewropa, l-IMI taħdem b'**mistoqsijiet u tweġibiet definiti u tradotti minn qabel**. Dawn huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Utent f'awtorità Taljana jista' jagħżel serje ta' mistoqsijiet bit-Taljan u jibgħat talba lill-Ungerija. L-utent Ungeriż jara l-mistoqsijiet bl-Ungeriż u jagħżel tveġiba tradotta minn qabel. Imbagħad it-tveġiba tintbagħat lura lill-awtorità Taljana, fejn l-utent jara t-tveġibiet bit-Taljan.

Għal każijiet aktar kumplessi, madankollu, jista' jkun meħtieġ għal awtorità li tipprovdi aktar dettalji f'**test ħieles**. Sabiex timminimizza l-ostaklu lingwistiku f'każijiet bħal dawn, l-IMI toffri żewġ livelli ta' appoġġ:

- tindika l-lingwi li jifhem l-utenti fl-awtorità kompetenti li lilha hija indirizzata t-talba;
- tipprovdi traduzzjoni mekkanika onlajn għal pari ta' lingwi speċifiċi sabiex tipprovdi traduzzjoni approssimattiva tal-kummenti li jiddaħħlu.

Bħala utent tal-IMI, inti għandek tipprova safejn possibbli tuża lingwa mifhuma mill-awtorità li qed tikkuntattja. **Trid tiżgura li tikteb b'mod ċar kemm jista' jkun u li tuża sentenzi qosra**. Dan ittejjeb il-kwalità tat-traduzzjoni mekkanika. Ftakar li t-traduzzjoni mekkanika tista' toffri biss idea approssimattiva tat-test tradott; għal skopijiet legali jista' jkun meħtieġ li tfttex traduzzjoni uffiċjali, skont il-kuntest.

3.3. Min huma l-atturi involuti fl-IMI?

1. L-awtoritajiet kompetenti

L-atturi prinċipali involuti fl-IMI huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li se jiskambjaw talbiet għall-informazzjoni permezz tas-sistema.

Dawn l-awtoritajiet jistgħu jkunu parti mill-amministrazzjoni tal-gvern, bħall-ministeri, l-aġenziji governattivi jew il-muniċipalitajiet, iżda jistgħu jkunu wkoll organizzazzjonijiet professjonali jew korpi rilevanti oħra. Dawn jistgħu jkunu qed joperaw fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Kull Stat Membru jiddeċiedi liema awtoritajiet kompetenti għandhom isiru atturi fl-IMI. Uħud jistgħu jiddeċiedu li jirreġistraw l-awtoritajiet rilevanti kollha, oħrajn inizzjalment jirreġistraw biss numru limitat. Awtoritajiet ġodda jistgħu jiġu rreġistrati fis-sistema fi kwalunkwe żmien.

Awtorità kompetenti rreġistrata fis-sistema tal-IMI tista':

- tuża d-dejtabejż tal-awtoritajiet kompetenti tal-IMI biex tfttex awtorità kompetenti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri;
- tibgħat talba għall-informazzjoni lil awtorità kompetenti fi kwalunkwe Stat Membru, billi tagħżel minn serje ta' mistoqsijiet tradotti minn qabel li huma relatati mal-leġiżlazzjoni fil-qasam li hija rreġistrata għalih;
- tirrispondi t-talbiet għal informazzjoni li tirċievi minn awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra.

Bħala awtorità kompetenti inti tista' tuża l-IMI kull meta jkollok dubju ġustifikat u tista' tikseb informazzjoni relatata ma' fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor. Inti tiġi mitlub ukoll twieġeb għal mistoqsijiet li tirċievi permezz tas-sistema minn Stati Membri oħra.

2. Il-koordinaturi tal-IMI

L-IMI tinvolvi wkoll numru ta' koordinaturi tal-IMI li jwettqu rwol importanti fl-istabbiliment u l-operat kontinwu tas-sistema. Ir-responsabbiltajiet tagħhom jikkombinaw rwol amministrattiv, funzjoni ta' appoġġ u funzjoni ta' koordinazzjoni relatata mal-kontenut. Barra minn hekk, il-koordinaturi tal-IMI jistgħu jaġixxu wkoll bħala awtoritajiet kompetenti u jistgħu wkoll jibagħtu u jirċievu talbiet għall-informazzjoni.

Koordinatur tal-IMI jista' jwettaq l-istess funzjonijiet ta' awtorità kompetenti u barra minn hekk jista':

- jirreġistra u jawtentika l-awtoritajiet kompetenti fis-sistemi tal-IMI;
- jawtorizza l-aċċess ta' awtorità kompetenti għal qasam leġiżlattiv distint fl-IMI;
- fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, jintervjeni fl-iskambju ta' informazzjoni bejn żewġ awtoritajiet kompetenti sabiex jiżgura tweġiba sodisfaċenti;
- jissorvelja l-progress tat-talbiet u jiżgura li jiġu mwiegħa fi żmien xieraq;
- jassisti lill-utenti fi Stati Membri oħra bl-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti xierqa li trid tiġi kkuntattjata fuq suġġett partikolari (inkluż billi jibgħat it-talbiet).

Hemm Koordinatur nazzjonali tal-IMI (NIMIC) wieħed għal kull Stat Membru. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu barra minn hekk li jirreġistraw koordinaturi delegati tal-IMI biex iwettqu dawn ir-responsabbiltajiet ta' koordinazzjoni għal qasam leġiżlattiv partikolari jew aktar jew għal parti mill-amministrazzjoni.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tobbliga lill-Istati Membri jaħtru 'punti ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni' għall-iskopijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva. Ir-rwol ta' dawn il-punti huwa li jintervjenu fil-każ li jkunu problemi relatati mal-kooperazzjoni amministrattiva u d-Direttiva dwar is-Servizzi. F'termini prattiċi, ir-rwol tal-punti ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni għandu jiġi eżegwit fis-sistema mill-koordinaturi tal-IMI.

3. Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' u żżomm is-sistema tal-IMI fiċ-ċentru tad-dejta tagħha fil-Lussemburgu. Hija responsabbli għat-traduzzjonijiet fis-sistema u tipprovdi s-settijiet ta' mistoqsijiet tal-IMI bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern. Toffri wkoll *help desk* ċentrali għall-koordinaturi tal-IMI.

3.4. Kif taċċedi għall-IMI?

L-IMI hija applikazzjoni sigura tal-Internet, aċċessibbli permezz tal-websajt iddedikata tal-IMI (http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/).

Hija netwerk magħluqa: jista' jkollok aċċess għaliha biss jekk inti utent irreġistrat f'awtorità kompetenti awtentikata minn koordinatur tal-IMI. Jekk taħseb li l-awtorità tiegħek għandu jkollha aċċess għall-applikazzjoni tas-servizzi tal-IMI, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-koordinatur tal-IMI nazzjonali (NIMIC) tiegħek għall-assistenza. Tista' ssib id-dettalji tal-kuntatt tagħhom fuq il-websajt tal-IMI.

4. GWIDA PASS PASS: KIF TUŻA L-IMI GĦAD-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI

4.1. Kif tibda

Ċerta tnejnija hija meħtieġa qabel ma awtorità tista' tibda tuża l-IMI għall-iskambju ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra.

L-ewwel nett, inti għandek tiżgura li l-informazzjoni kollha miżmuma mill-awtorità tiegħek fis-sistema tal-IMI hija preċiża u aġġornata. Dan jirrigwarda mhux biss id-dettalji tal-kuntatt tiegħek iżda wkoll l-informazzjoni addizzjonali dwar il-kompetenza ġenerali tal-awtorità tiegħek u t-tip ta' xogħol li tagħmel relatat mal-provvista tas-servizzi.

L-IMI tista' tkun għodda utli ħafna. Tista' potenzjalment tiġbor flimkien eluf ta' awtoritajiet kompetenti minn madwar l-Ewropa iżda, sabiex tkun effettiva, trid tkun kapaċi tgħinek tidentifika l-awtorità xierqa li għandek tikkuntattja meta jkollok dubji dwar fornitur ta' servizzi. Għal din ir-raġuni, **kull awtorità għandha tiżgura li l-informazzjoni disponibbli dwarha stess tkun ta' kwalità tajba.**

It-tieni nett, trid tiddeċiedi kif l-aħjar tistabbilixxi l-awtorità tiegħek biex tagħmel użu mill-IMI b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. Min fl-awtorità tiegħek għandu bżonn aċċess għall-IMI biex jibgħat jew jirċievi t-talbiet? Min għandu jieħu ħsieb iż-żamma tal-informazzjoni dwar l-awtorità tiegħek aġġornata u jirreġistra l-utenti ġodda? Jekk tiddeċiedi li tirreġistra ħafna utenti, forsi jkollok bżonn tinnomina wieħed biex jagħmilha ta' 'kaxxa postali' u jqassam it-talbiet lill-kollegi fl-awtorità (fl-IMI din tissejjaħ 'allokazzjoni').

Jekk l-awtorità għadha kemm ġiet irreġistrata u inti l-ewwel utent, trid tiżgura li tiegħu dawn il-passi. Jekk l-awtorità tiegħek diġà wżat l-IMI għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kwalifiki professjonali, jista' jkollok bżonn tkellem lil utenti oħra tal-IMI fl-awtorità tiegħek li għandhom ikunu responsabbli biex jieħdu l-passi msemmija hawn fuq. Ivverifika mal-Gwida għall-Utent tal-IMI għal gwida aktar dettaljata ⁽¹²⁾.

4.2. Kif tibgħat talba għall-informazzjoni lil awtorità fi Stat Membru ieħor?

4.2.1. PASS 1 — Għażla tal-qasam leġiżlattiv 'Direttiva dwar is-Servizzi'

L-ewwel pass li trid tiegħu huwa li tindika l-qasam leġiżlattiv li taqa' taħtu t-talba tiegħek. L-IMI tkopri żewġ oqsma: id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u d-Direttiva dwar is-Servizzi.

Ċerti awtoritajiet għandu jkollhom aċċess għaż-żewġ oqsma leġiżlattivi appoġġjati mill-IMI. Pereżempju, huwa possibbli li Kunsill Nazzjonali tal-Periti jkollu kompetenza relatata kemm mar-rikonnoxximent tal-kwalifiki professjonali għall-periti kif ukoll l-applikazzjoni ta' regoli oħra li japplikaw għall-provvista ta' servizzi mill-periti (pereżempju l-ħarsien tal-obbligi tal-assigurazzjoni, il-konformità mal-limitazzjonijiet għall-attivitajiet multidixxiplinari). F'ċerti każijiet, l-awtorità tista' tiddeċiedi li taqsam ir-responsabbiltà għal kull qasam leġiżlattiv bejn l-utenti differenti fi ħdan l-awtorità. F'każijiet oħra, huwa possibbli li jkollok aċċess kemm għall-moduli tas-Servizzi kif ukoll tal-Kwalifiki Professjonali fi ħdan l-IMI.

Jekk dan huwa l-każ, l-ewwel trid tagħżel id-'Direttiva dwar is-Servizzi', sabiex tibgħat talba relatata mas-Servizzi. Jekk għandek biss aċċess għall-applikazzjoni 'Direttiva dwar is-Servizzi' fi ħdan l-IMI, dan mhuwiex meħtieġ — is-sistema tagħżel awtomatikament l-opzjoni rilevanti għalik.

⁽¹²⁾ Il-Gwida għall-Utent tal-IMI hija disponibbli fuq il-websajt tal-IMI (http://ec.europa.eu/internal_market/imi-net).

Qabel toħloq talba fl-IMI, għandek dejjem tiżgura li l-attività tas-servizz li għaliha tirrelata t-talba taqà' fi ħdan l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ⁽¹³⁾.

L-għażla ta' qasam leġiżlattiv - eżempju

Fl-Istat Membru A, il-Kunsill tal-Periti jkollu bżonn jivverifika l-awtentiċità ta' diploma miksuba fl-Istat Membru B. Bħala utent tas-sistema tal-IMI, inti trid tibgħat talba lill-awtorità rilevanti fl-Istat Membru B bl-użu tal-modulu tal-Kwalifiki Professjonali. L-istess awtorità wkoll għandha dubji sostanzjati fir-rigward ta' perit li jipprovdi servizzi temporanji mill-Istat Membru B. Inti trid tidħol fis-sistema tal-IMI u tuża l-modulu tad-Direttiva dwar is-Servizzi sabiex tikkuntattja l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru B u tiskopri jekk il-perit huwiex stabbilit legalment hemmhekk.

4.2.2. PASS 2 — Sejbien tal-awtorità kompetenti xierqa fi Stat Membru ieħor

L-IMI tagħmel possibbli l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor mingħajr għarfien minn qabel tal-istruttura amministrattiva tiegħu. L-IMI tagħxi bħala direttorju tal-informazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti rilevanti li jitrattaw mas-servizzi. Kombinazzjoni ta' kriterji tat-tiftix jagħmluha possibbli li inti tidentifika l-awtorità xierqa li jeħtieġlek tikkuntattja (sakemm hija rreġistrata fis-sistema). Dawn jinkludu:

- **il-pajjiż u anki il-belt/raħal speċifiku** li qed tfittex;
- **l-isem** tal-awtorità;
- **tiftixa bit-test ħieles** fil-lingwa tiegħek.

Malli tkun irreġistrata fis-sistema tal-IMI, kull awtorità tiġi mitluba tindika l-attivitajiet tas-servizzi li hi responsabbli għalihom. Hemm lista oħra disponibbli sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar it-tip ta' xogħol li huma kompetenti għalih (eżempju ambjent, awtorizzazzjonijiet, saħħa u sigurtà) u l-livell tal-gvern li jirrapreżentaw (nazzjonali, reġjonali, lokali).

Kull awtorità għandha tipprovdi wkoll titolu informali qasir li jinftehem (pereżempju, 'Awtorità għall-Kostruzzjoni ta' ...') u deskrizzjoni f'test ħieles tal-kompetenza tagħha. It-tnejn jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Malli tkun għażilt l-awtorità mil-lista, tkun tista' tara aktar dettalji dwarha, bħall-qasam tal-kompetenza tagħha u l-lingwi mifhuma mill-utenti tagħha. Jekk tara li din mhijiex l-awtorità xierqa, tista' tmur lura lejn il-lista tat-tiftix u tagħżel oħra ⁽¹⁴⁾.

Tiftix għal Awtorità Kompetenti - eżempju

Jekk qed tfittex awtorità kompetenti Taljana li tissorvelja l-iskejjel tas-sewqan, inti għandek tagħżel il-pajjiż (Italja), imbagħad it-tip ta' awtorità (awtorità kompetenti), imbagħad tista' tintroduċi test ħieles, bħal 'skola tas-sewqan' jew 'sewqan' fil-lingwa tiegħek.

X'jiġri jekk ... ma tistax issib xi awtorità?

It-tip ta' attività li qed tfittex, kif inhu rifless fl-għażla tal-kliem muftieħ (*keywords*) tiegħek, tista' ma tkunx koperta mid-Direttiva dwar is-Servizzi.

⁽¹³⁾ Ara l-Kapitolu 2.1 hawn fuq. Għal aktar spjegazzjonijiet dwar l-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi, ara l-Kapitolu 2.1 tal-'Gwida dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi'.

⁽¹⁴⁾ Għal aktar dettalji dwar il-funzjoni tat-Tiftix, jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 2, Kapitolu 8 — Tiftix għal awtorità kompetenti u l-wiri tat-talba — fil-'Gwida għall-Utent tal-IMI'.

Għalfejn tista' ma ssibx awtorità kompetenti - eżempju

Jekk inti introduċejt il-kelma 'trasport' u l-ebda awtorità ma ġiet identifikata, ir-raġuni probabbli hija għaliex id-Direttiva dwar is-Servizzi ma tapplikax għas-servizzi tat-trasport.

Jista' ma jkunx hemm qbil eżatt mal-lista tal-kliem muftieħ tradotti disponibbli fis-sistema.

Alternattivi tat-tiftix - eżempji

Ipprova uża sinonimu jekk ma tiksibx riżultati sodisfaċenti.

Fittex 'liċenzja' jekk ma tiksibx riżultati għal 'awtorizzazzjoni'; fittex 'kejtering' jekk ma tikseb l-ebda riżultat għal 'kunsinna ta' ikel', eċċ.

Ipprova uża kategoriji ta' kliem muftieħ aktar wesgħin minħabba li l-awtorità kompetenti tista' tkun responsabbli għas-superviżjoni ta' diversi attivitajiet ta' servizzi ġenerali.

Fittex 'artiġjanat' jekk ma tiksibx riżultati għal 'tibjid'; fittex 'turiżmu' jekk ma tiksibx riżultat għal 'operaturi tal-ġiti' eċċ.

Jekk ma tistax issib l-awtorità kompetenti, għandek l-għażla li tibgħat it-talba tiegħek lill-koordinaturi tal-IMI fl-Istat Membru l-ieħor, li mbagħad jibagħtuha lill-awtorità xierqa fl-Istat Membru tagħhom.

4.2.3. PASS 3 — Agħżel is-sett korrett ta' mistoqsijiet

Malli tkun għażilt l-awtorità li trid tikkuntattja, trid tagħżel is-sett ta' mistoqsijiet li trid tuża. Sabiex tiegħu deskrizzjoni ġenerali ta' malajr tal-mistoqsijiet tradotti minn qabel disponibbli fis-settijiet ta' mistoqsijiet differenti (mingħajr ma tibda timla d-dettalji), tista' tagħżel il-funzjoni 'wirja ta' qabel'. Inkella, huwa possibbli wkoll li tfttex kliem muftieħ u s-sistema tgħidlek liema 'sett ta' mistoqsijiet' fih il-mistoqsija (mistoqsijiet) bil-kliem muftieħ li inti interessat fihom.

Bħala appoġġ għall-iskambji ta' informazzjoni taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi, l-IMI toffri serje ta' mistoqsijiet definiti tradotti minn qabel li huma mqassma f'erba' settijiet differenti:

- talbiet dwar il-provvista ta' servizzi transkonfinali ta' kumpanija/sħubija tan-negozju;
- talbiet dwar il-provvista ta' servizzi transkonfinali ta' fornitur tas-servizzi individwali;
- talbiet dwar stabbiliment permanenti ta' kumpanija/sħubija tan-negozju;
- talbiet dwar stabbiliment permanenti ta' fornitur tas-servizzi individwali.

L-għażla tas-sett ta' mistoqsijiet hija determinata minn kombinazzjoni tat-**tip ta' xenarju** u t-**tip ta' fornitur ta' servizzi** li qed tittratta magħhom. Li tiddetermina t-tip ta' fornitur ta' servizzi li qed tittratta miegħu m'għandux ikun diffiċli. Normalment inti jkollok l-isem u xi dettalji addizzjonali li għandhom jgħinuk tiddeċiedi jekk huwiex individwu jew kumpanija/sħubija tan-negozju.

It-tieni distinzjoni – l-għażla ta' jekk talba hijiex relatata mal-'provvista ta' servizz transkonfinali' jew ma' 'stabbiliment' — tista' tkun aktar diffiċli. F'termini ġenerali, sitwazzjoni ta' provvista ta' servizzi transkonfinali hija karatterizzata mill-assenza ta' parteċipazzjoni stabbli u kontinwa tal-fornitur ta' servizzi fil-ħajja ekonomika tal-pajjiż fejn qed jipprovi s-servizzi ⁽¹⁵⁾.

⁽¹⁵⁾ Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 2.2 hawn fuq.

4.2.4. PASS 4 — *Daħħal data indikattiva għat-tweġiba*

Inti tiġi mitlub tagħżel id-data tal-għeluq, billi tindika lill-awtorità li qed twieġeb meta jkollok bżonn it-tweġiba. Jekk jogħġbok ftakar li din id-data ma torbotx u hija purament indikattiva. L-awtorità li qed twieġeb fl-Istat Membru l-ieħor tista' jew taċċetta d-data tal-għeluq suġġerita jew tista' tindika data tal-għeluq alternattiva, sa meta bi ħsiebha twieġeb.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tistabbilixxi obbligu ta' tweġib fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli iżda ma tiddefinixx perjodi ta' żmien speċifiċi. Meta tirċievi talba, inti trid tiżgura li jsiru l-aqwa sforzi sabiex tkun tista' twieġeb fiż-żmien indikat.

Jekk tesperjenza xi problemi b'dewmien fit-tweġib li jżommuk milli tissodisfa l-obbligi legali tiegħek fit-teħid ta' deċiżjoni relatata ma' fornitur ta' servizzi, inti għandek tikkonsulta mal-koordinatur tal-IMI tiegħek.

4.2.5. PASS 5 — *Daħħal dettalji dwar il-fornitur tas-servizzi*

Imbagħad, trid iddaħħal id-'dettalji tat-talba', jiġifieri l-informazzjoni essenzjali dwar il-fornitur ta' servizzi (bħall-isem, id-dettalji tal-kuntatt u t-tip ta' attività tas-servizzi kkonċernata). Din l-informazzjoni hija indispensabbli għall-awtorità kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor li tibagħtilha t-talba, minħabba li din tgħinna tidentifika l-fornitur ikkonċernat.

Jekk jogħġbok ftakar li aktar ma tipprovdi dettalji, aktar ikun faċli għall-awtorità li qed twieġeb li tidentifika l-fornitur u tipprovdi l-informazzjoni mitluba.

Inti tiġi mitlub ukoll tindika r-raġunijiet għat-talba tiegħek.

>> **Sezzjonijiet obbligatorji**

Inti se tinnota ċerti sezzjonijiet immarkati b'asterisk. Dawn huma obbligatorji: is-sistema ma tħallikx tkompli sakemm ma timlihomm. Inġenerali, huwa importanti li tipprovdi l-informazzjoni kollha li hija disponibbli għalik dwar il-fornitur u s-servizzi tiegħu. Dan jippermetti lill-awtorità l-oħra tidentifika l-fornitur u tħaffef konsiderevolment il-fluss ta' informazzjoni.

>> **Sezzjonijiet mhux obbligatorji**

Ċerti sezzjonijiet jippermettulek tipprovdi informazzjoni addizzjonali, meta din tkun disponibbli.

Mili tas-sezzjonijiet addizzjonali fejn l-informazzjoni hija disponibbli - eżempju

Inti qed tibgħat talba dwar kumpanija/sħubija tan-negozju. Waqt li qed iddaħħal id-dettalji dwar il-fornitur ta' servizzi, l-IMI se titolbok jekk għandekx jew le n-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija. Jekk inti tindika li din l-informazzjoni hi 'disponibbli', is-sistema se tistaqsik timla wieħed jew aktar mis-sezzjonijiet li ġejjin:

- numru tal-identità tat-taxxa
- reġistru kummerċjali/tal-kumpanija
- numru tar-reġistrazzjoni professjonali
- numru tar-reġistrazzjoni ieħor.

>> Listi *drop-down*

Diversi listi *drop-down* tradotti minn qabel ġew introdotti fis-sistema sabiex jassistuk fid-deskrizzjoni tal-każ ikkonċernat. Dawn huma intiżi għall-istandardizzazzjoni tal-formoli tat-talbiet kemm jista' jkun possibbli u jinkludu, pereżempju, il-lista tal-Istati Membri, it-tipi ta' attivitajiet tas-servizzi (ara hawn taħt) u t-tipi ta' kumpaniji.

Użu ta' lista *drop-down* — eżempju

Qed tibgħat talba lil kumpanija/sħubija tan-negozju. Waħda mis-sezzjonijiet mhux obligatorji hija l-informazzjoni dwar il-forma legali tal-fornitur ta' servizzi. Lista *drop-down* definita minn qabel hija disponibbli. Din tinkludi l-forom legali eżistenti l-aktar komuni fl-Istati Membri kollha.

Biex tużaha, trid tidħol fil-kaxxa tat-test. Tista' tfttex il-lista billi tikteb jew il-kodiċi tal-pajjiż jew l-ewwel karattri tal-forma legali li għandek bżonn. Is-sistema mbagħad se turik l-għażliet disponibbli.

Jekk ma tistax issib il-forma legali li qed tfttex fil-lista, tista' tagħżel 'ieħor' u mbagħad tikteb test ħieles li jindika l-forma legali korretta.

>> Informazzjoni dwar l-indirizzi

Meta tkun qed tintroduċi l-indirizz ta' fornitur ta' servizzi, jekk jogħġbok indika dak li jkun l-aktar utli għall-awtorità li qed twieġeb sabiex tidentifika l-fornitur ta' servizzi.

Huwa possibbli li tindika aktar minn indirizz wieħed: pereżempju, jista' jkollok kemm l-indirizz tal-uffiċċju fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur ta' servizzi (pereżempju l-uffiċċju prinċipali tiegħu) kif ukoll indirizz ieħor fl-Istat Membru tiegħek.

>> Attività ta' servizz

Taħt din il-kategorija inti tiġi mitlub tagħżel l-attività tas-servizzi li magħha hija relatata t-talba. Sabiex tiffaċilita l-għażla, is-sistema fiha lista ta' attivitajiet li ġew tradotti fil-lingwi kollha tal-UE.

Inti tista' tagħżel l-attività li hija relatata mal-każ tiegħek jew billi tfttex fil-lista jew billi tittajpja kelma muftieħ. Fl-eżempju hawn taħt, il-fornitur ta' servizzi jipprovi servizzi ta' kejtoring.

L-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur

Attività ta' servizz

In-numru ta' reġistrazzjoni

Numru tat-telefon tal-fornitur tas-servizz

Indirizz email tal-fornitur tas-servizz

Indirizz tal-fornitur tas-servizz

Pajjiż

Reġjun/żona

Belt

Kodiċi Postali

ka

48500000-3 - Pakkett ta' softwer għall-komunikazzjoni u l-multimidja.

50300000-8 - Servizzi ta' tiswija, manutenzjoni u servizzi oħrajn assoċjati mal-kompjuters personali, apparat ta' l-uffiċi telekomunikazzjonijiet u apparat awdjo-viżiv.

51100000-3 - Servizzi ta' l-installazzjoni ta' l-apparat elettriku u mekkaniku.

51200000-4 - Servizzi ta' l-installazzjoni ta' apparat għall-kejl, verifika testijiet u n-navigazzjoni.

51300000-5 - Servizzi ta' l-installazzjoni ta' l-apparat tal-komunikazzjoni.

55000000-0 - Servizzi ta' lukandi, ristoranti u bejgħ bi-imnut.

55100000-1 - Servizzi tal-lukandi.

55200000-2 - Siti tal-kampeġġ u ta' akkomodazzjoni oħra mhux tal-lukandi.

55500000-5 - Servizzi tal-kafetterija u ta' l-ikel.

60000000-8 - Servizzi ta' trasport (eskluż it-trasport ta' l-iskart).

63100000-0 - Servizzi tat-tqandil tal-merkanzija u tal-ħażna.

>> L-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur

Taħt din il-kategorija, trid tindika f'liema Stat Membru huwa stabbilit il-fornitur ta' servizzi, safejn taf inti. Jekk it-talba tiegħek hija dwar 'provvista ta' servizzi transkonfinali', trid tispeċifika jekk:

- il-fornitur ta' servizzi huwiex stabbilit fi Stat Membru ieħor; **JEW**
- jekk il-fornitur ta' servizzi huwiex stabbilit fl-Istat Membru tiegħek.

Dan huwa importanti għaliex l-Istat Membru fejn il-fornitur ta' servizzi huwa stabbilit u l-Istat Membru fejn joffri s-servizzi tiegħu għandhom responsabbiltà maqsuma. Dan huwa definit b'mod ċar fid-Direttiva dwar is-Servizzi ⁽¹⁶⁾. L-IMI tirrifletti dan permezz ta':

- tipi differenti ta' rekwiżiti ta' motivazzjoni tradotti minn qabel, addattati skont ix-xenarju ta' kooperazzjoni;
- tipi differenti ta' mistoqsijiet/kwistjonijiet li normalment huma rilevanti taħt kull xenarju ⁽¹⁷⁾.

>> Motivazzjoni

Skont id-Direttiva dwar is-Servizzi, talba tista' tintbagħat biss jekk għandha motivazzjoni ġustifikata. Inti tista' tuża l-IMI biss biex tikkuntattja awtoritajiet oħra meta l-każ li qed tittratta jaqa' fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi u jekk għandek dubju ġustifikat ⁽¹⁸⁾.

Fl-IMI, trid tindika b'mod ċar ir-raġunijiet tiegħek biex tibgħat it-talba, qabel ma tkun tista' tkompli bil-formulazzjoni tat-talba. Għal dan l-iskop, huma disponibbli kombinazzjoni ta' frażijiet standard tradotti minn qabel u sezzjoni għat-test ħieles. Tinsiex tuża lingwa li hija mifhuma mill-awtorità li qed tikkuntattja, kull meta huwa possibbli.

Motivazzjoni - eżempju

Fornitur ta' servizzi minn Stat Membru B jrid jistabbilixxi stabbiliment sekondarju f'pajjiżek. L-informazzjoni sottomessa mill-fornitur ta' servizzi tidher li qed tindika indirizzi differenti tal-kumpanija prinċipali. Inti tibgħat talba lill-Istat Membru B biex tiċċara dan il-fatt. Fil-motivazzjoni tiegħek tispjega li għandek bżonn din l-informazzjoni għaliex hija meħtieġa għar-reġistrazzjoni tas-sussidjarja f'pajjiżek.

Evita l-użu sistematiku tas-sistema



Ftakar li r-rekwiżit tal-motivazzjoni jimplika wkoll li l-kooperazzjoni amministrattiva m'għandhiex tintuża b'mod sistematiku biex tagħmel verifiki ġenerali dwar il-fornituri ta' servizzi. Inti għandek tevita wkoll li tibgħat talba li tista' faċilment tfittex l-informazzjoni għaliha fir-reġistri disponibbli tal-Istati Membri kkonċernati. Deskrizzjoni ġenerali tar-reġistri prinċipali hija disponibbli fl-IMI.

4.2.6. PASS 6 — Għażla tal-mistoqsijiet

Skont l-għażliet magħmula fil-pass preċedenti, inti jkollok aċċess għal sett ta' mistoqsijiet tradotti minn qabel dwar il-fornitur ta' servizzi. It-tip ta' mistoqsijiet li hemm f'kull sett jiddependi fuq jekk intix qed tittratta każ ta' stabbiliment jew ta' provvista ta' servizzi transkonfinali. Dan ivarja daqsxejn ukoll skont jekk huwiex fornitur ta' servizzi individwali jew kumpanija/sħubija tan-negozju (ara t-Tabella 1 hawn taħt). Għall-provvista ta' servizzi temporanji, distinzjoni addizzjonali hija bbażata fuq jekk intix awtorità fil-pajjiż ta' stabbiliment tal-fornitur ta' servizzi jew fl-Istat Membru fejn is-servizzi qed jiġu pprovduti.

F'kull sett ta' mistoqsijiet, il-lista ta' mistoqsijiet tiġi murija skont il-'kategoriji' tal-mistoqsijiet. Meta tagħfas fuq l-isem ta' kategorija, tiġi tidher il-lista ta' mistoqsijiet li hemm fiha.

Huwa possibbli wkoll li tfittex il-mistoqsijiet bl-użu ta' kliem muftieħ. Pereżempju, jekk iddaħħal il-kelma muftieħ 'assigurazzjoni', il-mistoqsijiet kollha li fihom din il-kelma jidhru u inti tkun tista' tagħżel il-mistoqsija(iet) li għandek bżonn tistaqsi. Huwa possibbli li tagħżel aktar minn mistoqsija waħda.

⁽¹⁶⁾ Ara wkoll il-Kapitolu 2.2.1.

⁽¹⁷⁾ Ara l-Kapitolu 4.2.6.

⁽¹⁸⁾ Ara l-Kapitolu 2.1.3 hawn fuq.


Minbarra l-mistoqsijiet tradotti minn qabel li jidhru, għandek ukoll il-possibbiltà li żżid kummenti f'test ħieles relatati ma' kwalunkwe mistoqsija li tkun għażilt. Dan jippermettilek tispeċifika eżattament x'informazzjoni teħtieġ mill-awtorità li qed twieġeb. Jekk huwa possibbli, għandek tiżgura l-użu ta' lingwa mifhuma mill-awtorità l-oħra (din tidher fuq l-iskrins rilevanti kollha). Jekk iżżid kwalunkwe kumment bit-test ħieles, trid ukoll tispeċifika l-lingwa li użajt. Dan huwa meħtieġ sabiex tkun tista' tuża t-traduzzjoni mekkanika onlajn fi ħdan l-IMI.

Tista' tagħżel aktar minn mistoqsija waħda fl-istess talba għall-informazzjoni. **Madankollu, jekk jogħġbok ftakar li għandek tistaqsi biss daww il-mistoqsijiet li huma neċessarji għalik sabiex tiżgura s-supervizzjoni xierqa tal-fornitur ta' servizzi partikolari.**



Trid tagħżel il-mistoqsijiet billi timmarka l-kaxxa korrispondenti. Anki jekk inti introduċejt dejta f'waħda mis-sezzjonijiet tal-mistoqsijiet, il-mistoqsija ma tiġix memorizzata u lanqas inkluża fil-verżjoni finali tat-talba sakemm ma tkunx immarkajt il-kaxxa korrispondenti!

Tabella 1: Deskrizzjoni ġenerali tas-settijiet ta' mistoqsijiet għad-Direttiva dwar is-Servizzi



>> **Mistoqsijiet disponibbli relatati ma' każijiet ta' stabbiliment**

Il-mistoqsijiet li tista' tagħżel minnhom jekk qed tittratta każ ta' stabbiliment permanenti huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet legali li hemm fid-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-mistoqsijiet jistgħu jvarjaw xi daqsxejn, skont jekk intix qed tittratta ma' fornitur ta' servizzi individwali jew ma' kumpanija/sħubija tan-negozju.

Dawn huma maqsuma f'numru differenti ta' sottokategoriji:

- mistoqsijiet dwar il-fornitur ta' servizzi inġenerali – eż. inkorporazzjoni, forma legali, isem tan-negozju, eċċ.;
- mistoqsijiet dwar ir-rappreżentanza tal-fornitur ta' servizzi, jekk huwiex kumpanija/sħubija tan-negozju (persuni awtorizzati biex jaġixxu f'isem il-fornitur ta' servizzi) — pereżempju ismijiet ta' rappreżentanti, setgħat tar-rappreżentanti;
- mistoqsijiet dwar ir-reputazzjoni tajba tal-fornitur ta' servizzi – pereżempju sanzjonijiet amministrattivi/dixxiplinari jew kriminali;
- mistoqsijiet dwar is-solvibilità tal-fornitur ta' servizzi;
- mistoqsijiet dwar l-assigurazzjoni/garanziji finanzjarji tal-fornitur ta' servizzi;
- mistoqsijiet relatati maċ-ċertifikazzjoni;
- mistoqsijiet dwar it-tagħmir tax-xogħol użat mill-fornitur ta' servizzi;
- mistoqsijiet dwar id-dokumenti ta' appoġġ ippreżentati mill-fornitur ta' servizzi.

Mistoqsijiet fil-każijiet ta' stabbiliment - eżempju

Kumpanija li trid tistabbilixxi sussidjarja fl-Istat Membru tiegħek tagħtek informazzjoni kontradittorja dwar il-forma legali tal-kumpanija prinċipali stabbilita fi Stat Membru B.

Inti tiddeċiedi li tikkuntattja lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru B biex tivverifika jekk il-kumpanija hijiex inkorporata f'dak l-Istat Membru, jekk id-dokumenti pprovduti humiex daww disponibbli għall-awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru u taħt liema forma legali l-kumpanija hija inkorporata hemmhekk.

>> **Mistoqsijiet disponibbli relatati mal-provvista ta' servizzi transkonfinali**

Il-mistoqsijiet li tista' tagħżel minnhom jekk qed tittratta ma' każ ta' provvista ta' servizzi transkonfinali huma derivati mid-dispożizzjonijiet legali li hemm fid-Direttiva dwar is-Servizzi.

Il-mistoqsijiet jistgħu jvarjaw daqsxejn, skont jekk intix qed tittratta ma' fornitur ta' servizzi individwali jew ma' kumpanija/sħubija tan-negozju. Fil-każ ta' provvista ta' servizzi, issir distinzjoni addizzjonali bejn talbiet mibgħuta mill-Istat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut u talbiet mibgħuta mill-Istat Membru ta' stabbiliment.

1. Talbiet mibgħuta mill-Istat Membru fejn huwa pprovdut is-servizz

Jekk fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor joffri s-servizzi tiegħu fl-Istat Membru tiegħek, ma tistax timponi r-rekwiżiti legali tiegħek fuqu, sakemm ċerti ċirkustanzi speċifiċi ma japplikawx ⁽¹⁹⁾.

Minflok, jista' jkollok bżonn tikkuntattja l-Istat Membru fejn il-fornitur ta' servizzi huwa stabbilit sabiex tivverifika jekk jikkonformax mar-regoli applikabbli hemmhekk. Sabiex tagħmel hekk, trid tikkuntattja

⁽¹⁹⁾ Ara l-Kapitolu 2.2.1.

L-awtorità rilevanti f'dak l-Istat Membru. Il-mistoqsijiet li l-IMI toffrilek f'dawn iċ-ċirkustanzi huma maqsuma fil-kategoriji prinċipali li ġejjin:

- mistoqsijiet biex tidentifika l-fornitur ta' servizzi u tivverifika jekk il-każ huwiex provvista ta' servizzi transkonfinali – pereżempju jekk il-fornitur huwiex stabbilit fi Stat Membru ieħor, jekk l-isem tan-negozju huwiex korrett;
- mistoqsijiet sabiex taċċerta l-konformità tal-fornitur ta' servizzi mar-rekwiżiti tal-Istat Membru ta' stabbiliment tiegħu – pereżempju jekk jeżerċitax ċerti attivitajiet b'mod legali, mistoqsijiet dwar it-tagħmir tekniku li juża;
- mistoqsijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex taċċerta l-konformità tal-fornitur ta' servizzi mar-rekwiżiti applikabbli tal-Istat Membru fejn is-servizz qed jiġi pprovdut — pereżempju mistoqsijiet dwar ir-rappreżentanti tal-fornitur, ir-reputazzjoni tajba tiegħu, it-tagħmir użat.

Mistoqsijiet mibgħuta mill-Istat Membru fejn is-servizz jiġi pprovdut - eżempji

Eżempju (a)

Fornitur ta' servizzi qed jipprovdi servizzi transkonfinali f'pajjiżek bħala aġent tal-proprjetà immobbli u, wara l-ilmenti mill-kompetituri, inti għandek dubji dwar jekk il-fornitur huwiex verament intitolat li jipprovdi t-tali servizzi. Inti jista' jkollok bżonn tivverifika dan mal-Istat Membru fejn il-fornitur hu stabbilit.

Eżempju (b)

Fornitur ta' servizzi qed jipprovdi servizzi transkonfinali f'pajjiżek u, wara l-ilmenti mill-kompetituri, inti għandek dubji dwar jekk il-fornitur huwiex verament stabbilit fi Stat Membru ieħor. Inti tista' tistaqsi lill-Istat Membru fejn il-fornitur jiddikjara li huwa stabbilit dwar jekk dan huwiex verament il-każ.

2. Talbiet mibgħuta mill-Istat Membru ta' stabbiliment

Jista' jkun hemm ukoll każijiet fejn inti bħala awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur ta' servizzi jkollok bżonn tikkuntattja awtoritajiet fi Stati Membri oħra fejn il-fornitur ta' servizzi jkun attiv. Tipikament, inti jkollok bżonn tivverifika jekk il-fornitur ta' servizzi jikkonformax mal-leġislazzjoni tiegħek meta jipprovdi s-servizzi barra mill-pajjiż

M'intix mitlub tmexxi l-verifiki attwali fit-territorju tal-Istat Membru l-ieħor inti stess. Minflok, tista' titlob l-informazzjoni meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn is-servizz qed jiġi pprovdut.

F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti tal-aħħar ikollha bżonn tmexxi ta' spiss verifiki fattwali fuq il-post sabiex tipprovdi bl-informazzjoni mitluba. Il-mistoqsijiet li l-IMI toffrilek taħt dawn iċ-ċirkustanzi huma dawk li ġejjin:

- mistoqsijiet dwar jekk il-fornitur ta' servizzi jipprovdi servizzi speċifiċi fi Stat Membru ieħor;
- mistoqsijiet dwar jekk il-fornitur ta' servizzi huwiex impenjat f'ċerti attivitajiet multidixxiplinari;
- mistoqsijiet dwar jekk il-fornitur ta' servizzi jużax ċerta magna/tagħmir meta jipprovdi s-servizzi tiegħu fi Stat Membru ieħor.

Mistoqsijiet mibgħuta mill-Istat Membru ta' stabbiliment - eżempju

L-utent ta' servizz jew kompetitur minn Stat Membru B għamel ilment fejn iddikjara li l-fornitur stabbilit fl-Istat Membru tiegħek jeżerċita attivitajiet transkonfinali fl-Istat Membru B bi ksur ta' regoli professjonali speċifiċi, bħal restrizzjoni fuq attivitajiet multidixxiplinari. Sabiex taċċerta jekk dan huwiex il-każ inti tiddeċiedi li tikkuntattja l-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru B.

4.2.7. PASS 7 — Deskrizzjoni ġenerali tat-talba

F'dan l-istadju t-talba tiegħek tiġi memorizzata awtomatikament bħala abbozz fis-sistema. Jiġi assenjat numru tat-talba — dan jgħinek tidentifikaha aktar tard. Tkun tista' wkoll tara deskrizzjoni ġenerali tal-informazzjoni kollha li tkun diġà daħħalt b'rabta mat-talba.

Hemm xi passi addizzjonali li tista' tagħmel qabel ma tibgħat it-talba.

>> Possibbiltà li tehmeż fajls u tistaqsi mistoqsijiet dwarhom

Tista' tehmeż fajls differenti mat-talba tiegħek; pereżempju, kopja skanjata ta' ċertifikat. Dan jista' jkun b'żonnjuż sabiex l-awtorità li qed twieġeb tingħatalha l-informazzjoni meħtieġa biex twieġeb il-mistoqsijiet tiegħek sew.

Malli tagħżel li **'żżid dokument meħmuż'**, huwa possibbli li tagħżel mistoqsijiet strutturati jew li żżid kummenti b'test ħieles relatati mad-dokumenti meħmużin fuq skrin separat. Il-mistoqsijiet disponibbli jistgħu jvarjaw, skont is-sett ta' mistoqsijiet li tkun għażilt.

Mistoqsijiet disponibbli dwar id-dokumenti meħmużin — eżempji

- Jekk id-dokument meħmuż jikkorrispondix ma' dokument maħruġ minn awtorità fl-Istat Membru fejn tintbagħat it-talba.
- Jekk il-kontenut tad-dokument meħmuż huwiex preċiż.
- Jekk id-dokument meħmuż huwiex validu fid-data kkonċernata.

>> Żieda ta' kummenti ġenerali, ħolqien ta' rapporti u ġestjoni tat-traduzzjonijiet

Minbarra l-kummenti b'test ħieles li inti tista' żżid ma' kull mistoqsija li tkun għażilt, inti għandek ukoll il-possibbiltà li żżid kummenti mat-talba sħiħa f'lingwa tal-għażla tiegħek. Hawn ukoll is-sistema se tistaqsik liema lingwa użajt. Żewġ funzjonijiet oħra disponibbli huma:

- il-ġestjoni (u l-memorizzazzjoni) tat-traduzzjonijiet tat-test ħieles kollu li hemm fit-talba tiegħek;

Ġestjoni tat-traduzzjonijiet fl-IMI

Huwa possibbli fl-IMI li timmemorizza traduzzjonijiet kemm ta' kummenti b'test ħieles kif ukoll ta' dokumenti meħmużin. Inti tista' jew tuża t-traduzzjoni mekkanika onlajn għal-lingwi disponibbli (li jistgħu jiġu editjati) jew inkella tista' tagħżel li tinserixxi t-traduzzjonijiet tiegħek stess (jekk, pereżempju, il-kummenti huma f'lingwa mhux offruta mit-traduzzjoni mekkanika). It-traduzzjonijiet jiġu memorizzati u jsiru parti mit-talba, viżibbli għal utenti oħra fi ħdan l-awtorità tiegħek, sakemm għandhom aċċess għat-talba.

Immaġina, pereżempju, li tasal talba fl-IMI minn Stat Membru ieħor, inklużi kummenti b'test ħieles, u wieħed mill-kollegi tiegħek jikkellim il-lingwa tal-Istat Membru l-ieħor. Dan il-kollega jista' jinserixxi traduzzjoni tal-kummenti u jimmemorizzahom fl-IMI.

- il-ġenerazzjoni u l-istampar ta' numru ta' rapporti differenti relatati mat-talba tiegħek.

Ġenerazzjoni ta' rapporti fl-IMI

L-IMI toffrilek il-possibbiltà li tiġġenera u tistampa rapporti differenti li jista' jkollok bżonn għas-sistema tal-iffajljar tiegħek. Ir-rapporti disponibbli jinkludu:

- rapport sħiħ bid-dejta kollha li hemm fit-talba (inklużi d-dettalji personali tal-fornitur ta' servizzi);
- rapport sħiħ mingħajr dejta personali tal-fornitur ta' servizzi;
- rapport għall-fornitur ta' servizzi, jekk jitlob li jara l-informazzjoni li qed tiġi skambjata dwaru;
- formola tal-kunsens għall-fornitur ta' servizzi.

>> Trasmissjoni ta' talba, ritorn lejn l-'edit mode' jew tħassir ta' talba

Xorta għandek il-possibbiltà f'dan l-istadju li **teditja** d-dettalji tat-talba billi tmur lura lejn il-formoli preċedenti u tbiddel l-informazzjoni mdaħħla. Jekk ma jkollokx aktar bżonn tibgħat it-talba, tista' **tħassarha**.

Meta tiżgura li tkun daħħalt l-informazzjoni rilevanti kollha u tkun għażilt il-mistoqsijiet li għandek bżonn tistaqsi, tista' **tibgħat it-talba** lill-awtorità fl-Istat Membru l-ieħor li tkun identifikajt.

Malli tibgħat it-talba, tista' ssegwi l-progress tagħha fl-IMI.

4.3. Kif twieġeb għal talba għall-informazzjoni li tkun irċeviet l-awtorità tiegħek

4.3.1. PASS 1 — Verifika għal talbiet ġodda

Meta talba tkun ġiet indirizzata lill-awtorità tiegħek, tiġi nnotifikat permezz ta' **imejl awtomatika**. Jekk tagħfas fuq il-*link* fl-imejl, inti tiġi dirett awtomatikament lejn is-sistema tal-IMI. Malli tkun dħalt fis-sistema, tkun tista' tara deskrizzjoni ġenerali tat-talba.

Minbarra t-twissija bl-imejl li tintbagħat lill-awtorità tiegħek kull meta tirċievi talba ġdida ⁽²⁰⁾, l-IMI toffrilek numru ta' listi ta' talbiet biex tirrintraċċa kwalunkwe talbiet fis-sistema li l-awtorità tiegħek tkun involuta fihom.

Il-lista l-aktar importanti hija l-**lista tal-azzjonijiet**. Din fiha t-talbiet kollha fejn inti, bħala utent, trid tiegħu azzjoni. Kull meta l-awtorità tirċievi talba ġdida, din tidher fil-lista tal-azzjonijiet tiegħek.

Fil-lista, inti tista' tara deskrizzjoni ġenerali tat-talba, inkluż:

- l-isem tal-awtorità li qed tagħmel it-talba;
- il-qasam leġiżlattiv li tirreferi għalih it-talba ('servizzi');
- is-sett ta' mistoqsijiet użat (pereżempju, 'każijiet ta' stabbiliment');
- l-istat tat-talba (pereżempju, 'it-talba mibgħuta qed tistenna l-aċċettazzjoni');
- id-data meta ntbagħtet it-talba.

⁽²⁰⁾ L-imejl awtomatika tintbagħat lil dawk kollha li jġestixxu t-talbiet fl-awtorità tiegħek kif ukoll lill-indirizz tal-posta elettronika ġenerali tal-awtorità. Jekk l-awtorità tiegħek tuża l-'proċedura tal-allokazzjoni', l-imejl tintbagħat lill-allokatur, b'kopja lill-imejl ġenerali tal-awtorità.

4.3.2. PASS 2 — Aċċettazzjoni ta' talba ġdida

Malli tiftaħ talba ġdida, tkun tista' tara l-informazzjoni neċessarja sabiex tiddeċiedi jekk intix l-awtorità kompetenti li għandha tittratta t-talba. Din tinkludi ċerti dettalji tal-fornitur ta' servizzi kif ukoll il-mistoqsijiet li hemm fit-talba. Fuq din il-bażi inti tista':

- 'taċċetta' it-talba, jekk inti kompetenti fil-kwistjonijiet jew l-attivitajiet tas-servizzi ttrattati fit-talba;
- 'tibgħat' it-talba lill-awtorità kompetenti rilevanti fl-Istat Membru tiegħek, jekk inti ma tittrattax il-kwistjonijiet indirizzati fit-talba;
- 'tibgħat' it-talba lill-koordinatur tal-IMI rilevanti, jekk m'intix ċert liema awtorità fl-Istat Membru tiegħek hija addattata biex tittratta t-talba.

>> **L-ebda wiri ta' dejta personali qabel l-aċċettazzjoni ta' talba**

Sakemm taċċetta r-responsabbiltà għat-talba, ma tistax tara kwalunkwe dejta li tippermettilek tidentifika l-fornitur ta' servizzi. Minħabba li fid-dokumenti mehmużin jista' jkun hemm dejta personali, ma tkunx tista' tiftaħ il-fajls mehmużin. Madankollu tkun tista' tara l-mistoqsijiet u l-kummenti kollha fit-talba.

>> **Data indikattiva għat-twegība**

L-awtorità li qed tagħmel it-talba tkun indikat data tal-għeluq sa meta tistenna twegība għat-talbiet tagħha. Inti għandek il-possibbiltà li taċċetta din id-data tal-għeluq jew li tindika data alternattiva sa meta tistenna li tkun tista' tikseb l-informazzjoni meħtieġa.



Jekk jogħġbok ftakar li, taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi, hemm obbligu li tagħmel l-aħjar sforzi sabiex twieġeb it-talbiet kemm jista' jkun malajr.

>> **Traduzzjoni tal-kummenti f'test ħieles**

Huwa possibbli li l-awtorità li qed tagħmel it-talba tinkludi kumment b'test ħieles fit-talba f'lingwa li ma tifhimx. Skont il-lingwa użata, inti tista' tiġġenera traduzzjoni mekkanika ta' dawn il-kummenti, anki qabel ma taċċetta talba.

Ftakar, madankollu, li dawn it-traduzzjonijiet jidhru biss fuq l-iskrin fuq bażi temporanja. Malli taċċetta t-talba, tista' tuża l-għodda tat-traduzzjoni fl-IMI biex tiġġenera traduzzjoni mekkanika, biex iżżid it-traduzzjonijiet tiegħek stess u timmemorizza t-tnejn li huma bħala parti integrali mit-talba.

>> **Trasmissjoni ta' talba**

Jekk l-awtorità tiegħek mhijiex kompetenti biex twieġeb it-talba, inti tkun tista' tibgħatha lill-awtorità rilevanti fl-Istat Membru tiegħek billi tuża l-kriterji tat-Tiftix fis-sistema tal-IMI. Jekk m'intix ċert lil min trid tibgħatha, għandek l-għażla li tibgħatha lill-**koordinatur tal-IMI**. Tista' tibgħat talba biss qabel ma taċċettaha.

Kull meta tibgħat talba, tiġi mitlub għal ġustifikazzjoni. Malli tintbagħat, tintbagħat imejl awtomatika lill-awtorità li qed tagħmel it-talba u lill-awtorità li lilha tkun intbagħtet it-talba.

>> **Aċċettazzjoni ta' talba**

Malli tiddeċiedi li **taċċetta** talba, l-awtorità li qed tagħmel it-talba tiġi informata dwar dan permezz ta' imejl awtomatika. Din l-imejl tgħid lill-awtorità wkoll jekk inti taqbilx jew le mad-data tal-għeluq indikattiva.

4.3.3. *PASS 3 — Ġabra tal-informazzjoni meħtieġa*

Parti mill-informazzjoni meħtieġa mill-awtorità li qed tagħmel it-talba tista' tkun disponibbli fil-fajls tal-awtorità tiegħek. F'każijiet oħra, jista' jkun aktar diffiċli biex tipprovi t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru.

Pereżempju, jista' jkollok bżonn tikkonsulta ċerti dejtabejżis li għalihom għandek aċċess. F'każijiet oħra, jkollok bżonn tikkuntattja l-fornitur ta' servizzi direttament. Jista' jkun meħtieġ ukoll li tagħmel żjarat jew spezzjonijiet fuq il-post.

Huwa wkoll possibbli li jkollok tikkonsulta awtoritajiet oħra fi ħdan l-Istat Membru tiegħek.



Il-prinċipju gwida għalik għandu jkun l-obbligu li tipprovi assistenza lill-awtorità fl-Istat Membru l-ieħor – huwa aktar faċli għalik li tidentifika l-awtoritajiet kompetenti kollha kkonċernati mat-talba f'pajjiżek stess milli huwa għall-kontroparti li tinstab barra mill-pajjiż!

4.3.4. *PASS 4 — Tweġib ta' mistoqsijiet*

Diversi tweġibiet definiti minn qabel huma pprovduti fis-sistema li minnhom tista' tagħżel sabiex tweġeb mistoqsija fl-IMI. Barra minn hekk, għandek il-possibbiltà li tipprovi aktar informazzjoni permezz ta' kummenti b'test ħieles.

Jekk tuża test ħieles, ftakar biex kull meta huwa possibbli tuża lingwa mifhuma mill-awtorità li qed tagħmel it-talba.

Tweġib ta' mistoqsijiet - eżempju

Inti tirċievi talba li fiha l-mistoqsija 'Jekk jogħġbok tista' tikkonferma jekk il-fornitur ta' servizzi [isem] jipprovdix servizz ta' [lista *drop down*/attivitajiet] fl-Istat Membru tiegħek u tipprovi l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex inkunu nistgħu, jekk xieraq, nieħdu l-azzjonijiet/miżuri neċessarji?'

Inti tista' tagħżel li tweġeb 'Iva, il-fornitur ta' servizzi qiegħed jipprovi effettivament dawn is-servizzi fl-Istat Membru tagħna' u mbagħad tipprovi dettalji addizzjonali bħall-attività skont il-liġijiet lokali tagħhom jew l-awtorizzazzjonijiet maħruġa għal dik l-attività tas-servizzi partikolari.

F'ċerti każijiet, tiġi mitlub tipprovi informazzjoni speċifika jew ġustifikazzjoni relatata mat-tweġiba li tkun tajt. Pereżempju, jekk inti tweġeb mistoqsija dwar falliment billi tiddikjara li l-fornitur ta' servizzi kien soġġett għal proċeduri legali ta' falliment, inti tkun meħtieġ tispeċifika taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali ġie dikjarat fallut.



Indikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali

Meta tindika l-leġiżlazzjoni sabiex issostni t-tweġiba tiegħek, jekk jogħġbok tillimitax ruħek għan-numru u l-artikolu tal-liġi iżda pprovi tal-anqas id-dettalji sostanzjali essenzjali ta' dak it-test legali partikolari sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti li qed tagħmel it-talba tifhem it-tweġiba tiegħek.

4.3.5. PASS 5 — *Trasmissjoni tat-tweġiba*

>> **Trasmissjoni ta' tweġiba parzjali**

F'każijiet meta tkun ksibt it-tweġiba għal uħud mill-mistoqsijiet iżda mhux għal kollha, għandek l-għażla li tibgħat tweġiba parzjali. Inti għandek tindika għaliex il-bqija tal-mistoqsijiet ma ġewx imwieġba u tinforma lill-awtorità li qed tagħmel it-talba dwar meta se tkun tista' ttipprovdi l-bqija tat-tweġibiet billi tuża l-kaxxa tal-**Kummenti**.

>> **Trasmissjoni ta' tweġiba sħiħa**

Is-sistema ma tippermettilekx li tibgħat tweġiba sħiħa sakemm ma tkunx weġibt il-mistoqsijiet kollha relatati mat-talba. Trid tiżgura wkoll li twieġeb il-mistoqsijiet kollha relatati mad-dokumenti mehmużin.

Malli tkun bgħatt tweġiba sħiħa ma tistax timmodifika t-tweġibiet tiegħek.

>> **Dokumenti mehmużin**

Meta tkun qed tintbagħat talba, huwa possibbli wkoll li tehmeż fajl wieħed jew aktar fit-tweġiba għat-talba li tkun irċevejt. Dan jista' jkun neċessarju sabiex twieġeb talba b'mod sodisfaċenti.

>> **Żieda ta' kummenti ġenerali, ħolqien ta' rapporti u ġestjoni tat-traduzzjonijiet**

Minbarra l-kummenti b'test ħieles li tista' żżid ma' kull tweġiba definita minn qabel, inti għandek ukoll il-possibbiltà li żżid kummenti mat-talba sħiħa f'lingwa tal-għażla tiegħek. Hawn ukoll is-sistema se titolbok tindika liema lingwa tkun użajt.

Żewġ funzjonijiet oħra disponibbli huma:

- il-ġestjoni (u l-memorizzazzjoni) tat-traduzzjonijiet tat-test ħieles kollu li hemm fit-tweġiba tiegħek;
- il-ġenerazzjoni u l-istampar ta' numru ta' rapporti differenti relatati mat-talba tiegħek.

Il-Kummissjoni Ewropea

Gwida għall-Utent — Is-sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI) u d-Direttiva dwar is-Servizzi

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2009 – 33 pp. – 21 x 29,7 ċm

ISBN 978-92-79-10462-6

doi:10.2780/39876

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu/> jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

BG	Информационна система за вътрешния пазар
IT	Sistema d'informazione del mercato interno
CS	Systém pro výměnu informací o vnitřním trhu
LT	Vidaus rinkos informacinė sistema
DA	Informationssystemet for det indre marked
LV	Iekšējā tirgus informācijas sistēma
DE	Binnenmarkt-Informationssystem
MT	Sistema ta' informazzjoni dwar is-suq intern
EL	Ηλεκτρονικό σύστημα πληροφόρησης για την εσωτερική αγορά
NL	Informatiesysteem interne markt
EN	Internal market information system
PL	System wymiany informacji na rynku wewnętrznym
ES	Sistema de información del mercado interior
PT	Sistema de informação do mercado interno
ET	Siseturu infosüsteem
RO	Sistemul de informare al pieței interne
FI	Sisämarkkinoiden tietojenvaihtojärjestelmä
SK	Informačný systém vnútorného trhu
FR	Système d'information sur le marché intérieur
SL	Informacijski sistem za notranji trg
GA	Córas eolais an margadh inmheánach
SV	Informationssystemet för den inre marknaden
HU	Belső piaci információs rendszer

